
MONS SION
IN JERUSAL



Sena Hamsa LULJU - SETTEMBRU, 1959 Ghadd 3



LEHEN

# L-ART IMQADDSA

Mitbugh fl-EMPIRE PRESS, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

Il-Ħames Sena — LULJU - SETTEMBRU, 1959 — Għadd 3

## X'FIH DAN IL-GĦADD

Il-Glorja tat-Tabor (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... 65

L-Ewwel Taqsima — DAWL

L-Istorja tas-Salib (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... ... 66
Il-Belt ta' Gerax fi żmien l-Insara (P. B. Bagatti, O.F.M.) ... ... ... 68
Id-Dielja fil-Bibbja (P. Ġaċintu Faccio, O.F.M.) ... ... ... ... ... 72
Kif il-Għarab jilqgħu l-Għorba (P. Narcissu Cecchitelli, O.F.M.) ... ... 75
Ir-Reġistri ta' Casa Nova (Ignazio Mancini) ... ... ... ... ... 78

It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

San Kononu Martri (P. G. Rossi, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 81
Il-Mużajk tal-Kalvarju (Fra Elija, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 84
Il-Għamja ta' Nazaret (Ġuża) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 86
Naqra ta' Mużew (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 88
Il-Misilmin u l-Madonna (P. Ubertinu Berti, O.F.M.) ... ... ... ... 92
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... ... 95
Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 96

---

Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# IL-GLORJA TAT-TABOR

*It-Tabor! Kobor ta' sbuħija u seher ta' ġmiel!*

*Fiż-żerniq ta' għodwa diefja, u fis-sirġa taħraq ta' nofs inhar, u fil-għabex biered ta' fil-għaxija, it-Tabor huwa dejjem il-Għolja ta' seher u ta' ġmiel, li jpaxxi l-għajnejn u jerfa' 'l fuq il-qalb tal-bniedem. Mill-wetgħa ta' Esdrelon jirtefa' 'l fuq 'il fuq, lejn sema iżraq, għal aktar minn seba' mitt qama, donnu artal maħluq mill-Mulej, li jistieden lill-bnedmin biex jiddulu l-qima ta' qalbhom. U fuq il-quċċata tiegħu, fil-misraħ li jinfirex għal medda kbira, ruħ il-bniedem tħossha teħfief u donnha trabbi l-ġwienaħ u tittajjar għal ħajja fuqâna, tfittex li tingħaqad ma' Dak li ħalaqha. Oh x'dehra ta' bil-ħaqq li tisraq il-qalb u ġġiegħel lil min jistqarr il-kobor tal-Mulej fil-ħulqien. Minn fuq dik il-firxa tħaddar, imbagħad, ħarstek taqa' 'l isfel ma' dwar il-għolja u dlonk tilmaħ taħtek mifruxa l-ibliet tal-Vanġelju: Kana, Nazzaret, Kafar-Nahum u ftit 'il hemm ir-raħal ta' Najm u aktar il-bogħod, il-wetgħa ta' Samarija. Innaħa tax-Xerq tara quddiemek l-iġbla ta' Libnân iħaddru u tal-Hermon, ibajjdu bis-silġ ta' fuqhom, u aktar qrib, tleqq bħal fidda x-xmara tal-Ġurdan.*

*Iżda, joktor u jikber sebħ it-Tabor jekk inħarsu lejn il-ġrajjiet li fuqu twettqu ma' tul l-istorja. Sa mill-bidu nett tal-wasla tal-Israelijin fl-Art Imwegħda, b'amar ta' Ġożwè, it-Tabor kien jifred it-taqsima ta' Issakar mit-taqsima ta' Żabulon. Meta, mija u ħamsin sena wara l-Lhud waqgħu taħt il-madmad tal-Kangħanin, ħarbu hemm fuq, u b'amar tal-imnebbħa Debora, għaxart elef minnhom immexxija minn Barak, niżlu u ħabtu għat-tajfa ta' Sisara u rebħuha (Ġuditta, IV, V). U m'hux hemm fuq ukoll il-ġens tal-Mulej sab kenn meta l-Madjanijin u l-Amalekin tferrxu mal-wetgħa ta' Esdrelon biex jeqerduh? (Ġuditta VI, 2) U għal hekk it-Tabor dejjem ġibed il-għajnejn tal-Imnebbħin tal-Mulej, fosthom Ġeremija, li xebbah il-miġja tal-qalil Nabukodonsor: Bħat-Tabor qalb l-iġbla" (Ġeremija, LXVI, 18).*

*Imma t-Tabor fuq kollox huwa l-għolja li għażel Ġesù Kristu għal ġrajja mill-akbar ġrajjiet ta' ħajtu. Hemm fuq Huwa temm l-ewwel taqsima tal-ħajja tiegħu li għadda fil-Galilija, qalb it-tweġħir mal-Fariżin u għedewwa oħra. Ħass li kien meħtieġ li jfarraġ lill-Appostli u jqawwihom fl-emna tagħhom, billi kienu qegħdin jaqtgħu qalbhom għax rawh qisu mkeċċi mill-Galilija u mhedded bil-mewt. Ġesù għal hekk, "ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni u tellagħhom fuq għolja weħedhom. U tbiddel quddiemhom, u wiċċu idda bħaxxemx, u ħwejġu saru bojod bħad-dawl, u f'daqqa dehrulhom Mosè u Elija jitkellmu miegħu" (Matt. XVII, 1). It-tlieta semgħu lil Ġesù jitkellem ma' Mosè u Elija, iżda ħadd minnhom ma fehem xejn. Huma biss kienu mgħaxxqa jaraw it-Tisbiħ tal-Imgħallem fl-aqwa tiegħu. Ġwanni baqa' jħares imgħaxxaq u Pietru qabeż u qal: "Mgħallem, tajjeb għalina li nibqgħu hawn; nagħmlu, jekk trid, tliet għerejjex, għalik wieħed, għal Mosè wieħed u għal Elija wieħed." Iżda qabel ma temm dawn il-kelmiet, sħaba kollha dawl għattiethom u ġie leħen mis-sħaba li qal: "Dan hu Ibni l-maħbub li bih nitgħaxxaq. Lilu isimgħu." Malli semgħu dan id-dixxipli waqgħu wiċċhom fl-art u beżgħu ħafna. U din hija b'ħaqq l-akbar Glorja tat-Tabor, il-għolja tas-sew qaddisa.*

***ID-DIREZZJONI.***

# L-ISTORJA TAS-SALIB

Fil-ħarġa April-Ġunju 1959 ta' dan il-qari l-kittieb ELSIE qalilna l-istorja tas-Salib kif kienu jgħiduha bosta snin ilu. Din l-istorja hi waħda minn dawk l-istejjer qodma li l-immaġinazzjoni tal-poplu kienet issawwar biex aktar iżżomm ħajja d-devozzjoni. Is-Salib kien l-għodda tal-fidwa tagħna, u għalhekk f'moħħ il-poplu kienet tixraqlu storja qadima, storja kbira, storja ta' l-għaġeb. ELSIE qalilna waħda minn dawn l-istejjer, imma hemm stejjer oħra, u jista' jkun li kienu aktar magħrufin. Xi tarf ta' dawn l-istejjer insibuh saħansitra fit-talb tal-Knisja. Fl-innu li jingħad fil-Matutin tal-festa tas-Salib, fit-3 ta' Mejju u fi żmien il-Passjoni fir-Randan, naqraw:

... Alla ..............................
ried mis-siġra li qatlitna
il-ħlas joħroġ ta' saħħitna.
.........................................
Biex is-saħħa hekka tiġina
mnejn il-mewt ħarġet għalina.

(Mit-traduzzjoni tal-"Inni Mqaddsa" ta' L. Mifsud Tommasi).

Fi kliem ieħor is-salib kien magħmul mis-siġra li minnha Adam kiel il-frotta. Skond l-immaġinazzjoni tal-poplu s-siġra li ġiebet il-mewt fid-dinja ġiebet ukoll il-ħajja, u x-xitan li rebaħ il-bniedem b'siġra kien mirbuħ minn Kristu b'għuda mill-istess siġra. Dan hu li naqraw fil-Knisja. Għandna xi storja li fuqha hu mibni dat-talb?

Fis-seklu 12 inkitbu ħafna stejjer tas-Salib li jixxieħbu imma ma jaqblux f' kollox bejniethom. Dawn l-istejjer jew xi bċejjeċ minnhom aktarx li huma meħudin minn stejjer aktar qodma. Fi storja minnhom, li biċċa minnha meħudha mill-"Ħajja ta' Adam u Eva miktuba aktarx fl-ewwel seklu wara Kristu, naqraw li meta Adam kien marid bagħat lil ibnu Set il-ġenna ta' l-art biex iġiblu d-duwa. Hemm lil Set tawh xi ħwawar jew, skond storja oħra, fergħa ta' siġra, li jaħsbu li kienet is-siġra li minnha Adam u Eva kielu l-frotta u qalulu biex iħawwilha ġo ħalq Adam. Dik il-fergħa kibret u saret siġra. Żmien twil wara, dik is-siġra kienet maqlugħa u nħawwla quddiem il-palazz ta' Salamun. Meta s-sultana ta' Saba ġiet iżżur is-sultan Salamun, rat is-siġra u ħabbret li dik is-siġra kellha twaqqa' s-saltna tal-Lhud. Meta sema' dan Salamun ġegħilhom jaqtgħu s-siġra u jitfgħuha ġo menqa fejn il-morda kienu jinżlu u jfiqu. Fi żmien Kristu l-menqa nixfet, dehret is-siġra u minnha sar is-salib ta' Kristu.

Fi storja oħra, li fiha Adam ma jissemma xejn, naqraw li fi żmien is-sultan David raġel mar f'masġar, ra siġra sabiħa, qatagħha u ġiebha lis-sultan. Is-sultan ksieha bid-deheb u kien jagħtiha qima kull jum. Hekk ukoll kien jagħmel ibnu Salamun. Meta s-sultana ta' Saba marret iżżur is-sultan Salamun, rat is-siġra u qalet: Li kien jaf is-sultan x'għad isir minn dik is-siġra, żgur jaħraqha. Malli sema' Salamun dak il-kliem, qaxxar is-siġra mid-deheb u rmieha f'menqa. Fi żmien Kristu l-menqa nixfet, dehret is-siġra, tellgħuha u minnha għamlu s-salib.

Fi storja oħra jissemma Mosè flok Adam. Tgħid hekk: Wara li ħarġu l-Israelin mill-Eġittu, damu tliet ijiem jimxu u ma sabux ilma. Wara tliet ijiem xħin stenbaħ Mosè fil-għodu ra li ħdejn rasu kienet nibtet xitla taċ-ċipress, in-naħa tal-lemin kienet nibtet xitla taċ-ċedru u n-naħa tax-xellug xitla taż-żnuber. Stagħġeb Mosè, beża' u flimkien mal-poplu telaq minn hemm. Wara li telqu reġa' ra t-tliet xtieli u qal: Dawn it-tliet siġriet huma xbiha tat-Trinità Mqaddsa. Telqu minn hemm u fil-għodu reġa' ra t-tliet siġriet. Billi l-ilma ta' hemm kien ħażin Mosè

qala' x-xtieli, tefagħhom fl-ilma u l-ilma sar tajjeb. Meta Mosè ra l-għaġeb ta' dawk ix-xtieli żammhom miegħu matul il-mixja kollha fid-deżert sakemm wasal f'art Mowab, fil-Lvant ta' l-Art Imqaddsa. Hemm baqgħu t-tliet xtieli bla ma kibru u bla ma nixfu u bla ma dbielu.

Meta laħaq sultan David, Alla qallu: Mur in-naħa l-oħra tal-Ġurdan u hemm issib tliet xtieli mqaddsa mħollijin hemm minn Mosè. Huma xbiha tat-Trinità Mqaddsa u bihom id-dinja kollha tkun imdawwla. Meta wasal David għadda l-lejl hemm. Xħin stenbaħ fil-għodu ra tliet xtieli bħalma kien rahom Mosè. David qalagħhom u ħadhom Ġerusalem. Sakemm wasal Ġerusalem saru ħafna mirakli bis-saħħa ta' dawk ix-xitliet. Kien fil-għaxija xħin wasal is-sultan Ġerusalem. Ix-xtieli kienu mqegħdin fil-għajn ħdejn il-ġnien tas-sultan. L-għada s-sultan ried iħawwilhom fil-ġnien tiegħu, imma sab li l-għeruq kienu qabdu l-art sewwa u ħadd ma seta' jaqlagħhom. Is-sultan ħallihom hemm u dawwar ħajt madwarhom. Ix-xtieli maż-żmien kibru, saru zokk wieħed, imma l-qċaċet tagħhom baqgħu magħżulin minn xulxin. U hekk is-siġriet saru siġra waħda u tliet siġriet, xbiha tat-Trinità Mqaddsa. Wara David, ibnu Salamun bena t-tempju li fih kienu jinħtieġu ħafna travi. Kien għad jonqos travu u ma sabu l-ebda siġra tajba. Daru għas-siġra li kien ħawwel David fil-ġnien. Qabel ma qatgħu s-siġra sabu li kienet xibrejn itwal. Qatgħu travu minnha, imma ġara li huma u jtellgħuh kien xibrejn itwal u xħin niżżluh kien xibrejn aqsar. Meta ra hekk is-sultan ġegħilhom ifittxu siġra oħra; qatgħu minnha travu tal-qies u t-travu l-ieħor baqa' mwarrab fit-tempju. Kemm dam fit-tempju dak it-travu saru ħafna mirakli bih. Għaddew ħafna snin; ġie Kristu fid-dinja u l-Lhud riedu jsallbuh. Qajfa bagħat ħafna Lhud biex iġibu dak it-travu mit-tempju biex jagħmlu salib minnha. Imma l-Lhud ma setgħux iħarrku t-travu. Qajfa ġegħilhom jaqtgħu biċċa minnu u hekk irnexxielhom jagħmlu s-salib li fuqu miet Ġesù Kristu għall-fidwa tad-dinja.

Din l-istorja miktuba fis-seklu tnax tagħtina xi tagħrif ieħor fuq is-salib wara l-mewt ta' Kristu. Il-biċċa żejda tat-travu baqgħet fit-tempju. Meta S. Liena sabet is-salib ta' Kristu, sabet ukoll fit-tempju l-biċċa żejda. Staqsiet x'kienet u qalulha li kienet baqgħet żejda mis-salib. Talbet lil Alla igħarrafha x'għandha tagħmel b'dik il-biċċa. Dehrilha anġlu u qalilha biex taqsam dik il-biċċa f'erba' qasmiet u tibgħathom waħda f'kull qasma tad-dinja. Hekk għamlet S. Liena u bagħtet biċċa Ruma, biċċa Lixandra, biċċa ħalliet Ġerusalem u biċċa ħaditha magħha Kostantinopli, u lil binha Kostantinu ġebitlu l-għuda tas-salib. Is-salib kien fih tliet biċċiet: biċċa wieqfa, biċċa mimduda u l-biċċa li fuqha kien hemm miktub: Ġesù sultan tal-Lhud. Biċċa qiegħda Ġerusalem, biċċa Kostantinopli u l-biċċa l-oħra ħadd ma jaf fejn hi. Wara li sabet is-salib S. Liena sabet l-imsiemer, u l-anġlu qalilha biex tqegħidhom fil-lġiem taż-żiemel ta' binha. Hekk għamlet, u ż-żiemel ta' Kostantinu bil-għaġeb tiegħu ġibed kotra kbira ta' nies lejn Alla. Wara tliet snin l-anġlu reġa' deher lil Kostantinu u qallu biex jaqla' l-imsiemer millġiem u jqegħidhom fis-salib.

Dawn l-istejjer tas-salib ma għandniex narmuhom bħala ħrejjef, imma għandna ngħożżuhom, bħalma kienu jgħożżuhom dari, bħala frott ta' l-immaġinazzjoni ta' nies mimlijin bil-ħeġġa tal-fidi mqaddsa.

P. P. Saydon.

# IL-BELT TA' GERAX FI ŻMIEN L-INSARA

Kull min iżur il-ħerba tal-belt ta' Ġerax(1), fit-Transġordanja, jibqa' mistagħġeb bil-kobor u l-ġmiel tal-fdalijiet qodma li fiha: kolonni twal, m'ogħla s-sema; ħitan donnhom swar, mibnija b'ħaġar meqjus, minġur u mmelles; toroq twal, imballta, wesgħin u watja. Kollox jixhed żmien ta' ġid, għerf u hena; żmien li għab u għadda, ilu akar minn elf sena. Il-kotra ta' dawn il-fdalijiet huma ta' żmien il-Pagani ta' Ruma, imma hemm ukoll fdalijiet ta' żmien l-insara ta' Bisanzju(2), li għad li m'humiex tal-kobor ta' dawk ebda qaddis Martri minn Ġerax. Ara kemm hu hekk, li meta f'din il-belt inbnew knejjes għal qaddisin Martri, dawn il-Martri ma kinux minn Ġerax, imma minn pajjiżi oħra. L-ewwel atar ta' ġemgħa ta' Nsara fil-belt ta' Ġerax huwa tas-seklu Erbgħa, u dil-ġemgħa tidher li kienet mill-ewwel imrawma, u kellha Isqof fir-ras tagħha. U damet qawwija sħiħa sas-seklu Sebgħa.

Kif wieħed jifhem mill-kitbiet li jinsabu fil-knejjes ta' dak iż-żmien, l-isqfijiet ta' Ġerax, mis-seklu Erbgħa sas-seklu Sebgħa, kienu dawna: Eskere-



**Gerax, Transġordanja. — Biċċa mit-triq il-kbira, jew "cardo maximus" tal-belt. Fix-xellug jidher it-taraġ li jieħu għall-kattidral (bejn il-kolonni) u wara l-ħerba tal-kattidral in-nifsu, fejn kien jitbiddel l-ilma f'inbid, u hemm ix-xbieha tal-Madonna u l-Anġli.**

ta' qabilhom, imma ta' min isemmihom, għax għandhom ukoll is-siwi tagħhom.

Għal kemm Ġerax kienet belt imrawma sa minn żmien l-Imperaturi Antonini, bejn is-snin 96 u 192 Wara Kristu, meta d-Din Nisrani kien ħa ġmielu, jew dan id-Din il-ġdid ma kienx daħal fiha, jew jekk daħal, ma kienx imqabbad; dan jidher mill-ħafna kitbiet Insara li hemm f'dik il-belt, li ma jsemmu zju (għal ħabta tas-sena 395), Flakku (451), Marjanu (bejn is-sekli Ħamsa u Sitta), Klawdju (464), Pawlu (531), Anastasju (l-ewwel nofs tas-seklu Sitta) u Ġenesju (611). Dawn l-Isqfijiet

(1) Il-kelma **Gerax** tinqara bl-aċċent fuq l-ewwel vokali, bħal **lemaħ, fetaħ, seraq.**

(2) Bisanzju, jew Bisantju, jiġifieri Kostantinopli.

imsemmijin fil-kitba qishom dejjem għal xi xogħol li għamlu, għax kif jidher, f'Ġerax, l-Isqof ma kellux x'jaqsam mad-Djiena biss, imma wkoll ma' kull xogħol li kellu b'għan il-ġid tannies tal-pajjiż li kien taħt jeddu.

Mill-ħajja u x-xogħol tal-insara ta' Ġerax, l-aktar ħaġa li għadha tidher sal-lum, huma l-fdalijiet tal-knejjes li bnewhom ma' tul tlett mitt sena. Fittaħfir li sar f'dil-belt xi għaxar snin ilu, inkixfu fdalijiet ta' tnaxer knisja (dra-



**Gerax. — Biċċa mill-mużajk tal-art tal-knisja li kixfu l-Franġiskani. Jidhru żewġt itfal għedin jagħsru l-għeneb.**

bi knisja waħda jkun fiha ħafna kappelli), barra minn knisja oħra li kixfuha ftit snin ilu l-Franġiskani. Għalkemm il-għadd ta' tlettaxer knisja huha għadd kbir ġmielu għal belt waħda, barra minn dawn kien hemm knejjes oħra, kif jidher minn xi kliem ta' kitbiet ta' dak iż-żmien.

Mill-kitba jidher li fis-seklu Erbgħa f'Ġerax inbena katedral; żewġ knejjes inbnew fis-seklu Ħamsa; disa' knejjes inbnew fis-seklu Sitta, u knisja waħda fis-Seklu Sebgħa. Jidher mela li l-insara ta' Ġerax żdiedu l-aktar fis-Seklu Sitta; jew għax kotra kbira ta' Pagani qalbu u saru Nsara f'daqqa, jew għax l-insara ta' dik il-belt, għal ħaġa jew oħra, rikbu r-riħ. Din l-aħħar ġrajja tidher għax fis-Seklu Sitta l-insara biddlu fi knejjes tagħhom biċċa bini kbira tal-Pagani fil-"cardo maximus"(3), u wkoll sinagoga tal-Lhud. Dil-ħaġa ma setgħetx issir li kieku l-kotra kbira tannies ta' Ġerax ma kinux insara.

Dawn il-knejjes kollha f'belt waħda u kollha qrib xulxin, donnhom jagħtuk taħseb li l-Insara ta' Ġerax kienu mifrudin bejniethom, jiġifieri ma kinux ta' twemmin wieħed, għal hekk kull ġemgħa ta' Nsara kellha l-knisja tagħha. Imma fil-kitba li nstabet s'issa ma hemm ebda ħjiel ta' dan. Fi żmien wieħed qatt ma jissemma ħlief Isqof wieħed, u ebda kelma ma nstabet miktuba li turi li l-Insara ta' Ġerax fid-Djiena ma kinux jaħsbuha kollha xorta waħda.

Mill-kitba magħruf ukoll l-isem tal-qaddisin li għaliehom kienu msemmija l-knejjes. Dawn huma: l-Appostli, il-Profeti u l-Martri; San Ġwann il-Għammiedi; San Tewdor, San Ġorġ, San Qużman u San Damjan. Għad li s'issa għad ma nstabet ebda knisja msemmija għal Madonna, ma jfissirx li l-Madonna ma kinitx meqjuma f'Ġerax, għax mhux tal-knejjes kollha għadu nstab il-fdal. Tarġa', li l-Madonna kienet meqjuma f'Ġerax jidher għax hemm xbiha tagħha b'San Grabiel u San Mikiel, wieħed kull naħa, f'kappella f'ras ta' taraġ li kien jitla' mill-"cardo maximus", mibnija mal-ħajt il-warrani tal-katedral.

Uħud mill-knejjes kienu mibnija

(3) Il-**cardo maximus** kien ikun it-triq il-kbira tal-belt, wiesgħa u dritta, u qisu dejjem imżejna bil-kolonni.

f'ġieħ il-qaddisin Martri, bħal ma jidher mil-kitba li nstabet fil-fdal tal-knisja ta' San Tewdor, li tgħid: "Jien iddar sabiħa ta' Tewdor ir-Rebbieħ, Martri li qatt ma jmut, raġel maħbub minn Alla, lis-sebħ tiegħu tar fuq l-art u l-baħar u niżel sal-qiegħ tal-egħmiq. Ġismu jinsab taħt l-art imma ruħu tinsab fis-sema, tieħu sehem fil-hena ta' l-Anġli għala dejjem, u tħares mill-ħsara lil dil-belt u lil dawk li jgħammru fiha, issa u fiż-żmien li ġej. Għal ħniena t'Alla dan il-bini inbena fix-xahar ta' Dijos tas-sena 559" (kif ngħoddu issa, sena 496).

Il-biċċa l-kbira tal-knejjes ta' Ġerax xbihat u suriet mill-knejjes, bosta millqiegħan tal-mużajk tal-knejjes huma maqlugħa, biex jitħassru x-xbihat ta' nies li kien hemm. Ftit knejjes sfaw ħielsa minn dan it-taħsir, fosthom dik li sabu l-Franġiskani. Fil-mużajk ta' l-art ta' dil-knisja jidhru tlieta minnies, raġel u żewġ nisa. Ir-raġel iżomm il-bhur f'idu, b'ismu miktub "Elija"; mara bl-isem "Marija", aktarx kienet martu, u tifla, bl-isem tagħha "Soreg", aktarx binthom. Jista' jkun li dawn kienu nies li għenu b'ġidhom lil din l-knisja. Fil-knisja ta' San Qużman u San Damjan, fil-mużajk fl-art, hemm ukoll raġel iżomm il-bhur, ismu "Tew-



**Malta, ir-Rabat. — Il-għolja tal-Virtut u fuqha l-knisja li quddiemha hemm bir tal-ilma ġieri, li jingħad li kien jitbiddel f'inbid nhar Lapsi, kull sena.**

magħmula bi tliet taqsimiet jew "navi", mifrudin waħda mill-oħra bil-kolonni, u b'żewġ sagrestijiet, waħda kull naħa tal-artal tan-nofs. Knisja għamla ta' salib f'Gerax hemm waħda biss, u knisja għamla ta' sala kbira, hemm waħda biss ukoll.

Billi għadd kbir mill-knejjes ta' Ġerax kienu fl-aqwa tagħhom fis-sena 722-3, meta bdiet iċ-ċaqlieqa ikonoklasta, jiġifieri t-tħassir u t-tkissir taxdor" u martu "Ġorġa"; u żewġt irġiel oħra ħamlin bixkilla bil-frott, għal knisja, isimhom "Kallenistu" u "Atriku". Ma' ġenbhom hemm kitba qasira bħala talba 'l Alla biex igħin lil dawn irrġiel u jħallashom tal-frott bikri li ġiebu lil knisja. Il-għoti ta' frott u tagħam, żejt u nbid lil knisja kien jiswa biex bihom jgħixu l-qassisin u l-foqra Nsara. Hemm xbihat oħra ta' nies jaqtgħu l-għeneb u oħrajn jistadu l-

bhejjem, u xbiha tax-xhur tas-sena. Hemm ukoll mużajk ta' xbihat ta' bliet tal-Masar jew Eġittu, l-aktar ta' Lixandra u Menfis.

Bħal ma għedna qabel, ix-xogħol ta' l-Isqof ta' Ġerax ma kienx biss li jibni knejjes u jqaddes fihom. F'kitba li nstabet f'nofs ta' sala mdawra li qabel kienet bini tal-Pagani, imsemmi li hemm kienet Djakonija, jiġifieri dar li fiha jinżammu l-flus u ħwejjeġ u ikel għal foqra u l-morda Insara tal-pajjiż. Il-kitba tgħid hekk: "Għal ħniena t'Alla din id-Djakonija saret fix-xahar ta' Artemis, tas-sena 627 (sena tagħna 565)." Dan ma jfissirx li qabel f'Ġerax ma kienx hemm Djakonija, u l-foqra ma kinux mgħejjuna, imma li dak iż-żmien trawwmet Djakonija akbar, għax billi żdiedu l-Insara, żdiedu wkoll il-foqra u l-morda, u ma għandniex xi ngħidu, żdiedet ukoll il-għajnuna għal ħteġiet tagħhom.

Sant Epifanju, li miet fis-sena 403, msemmi li fis-Seklu Erbgħa, kien isir għid f'Ġerax li fih l-ilma kien jinbidel f'inbid biex ikun imfakkar il-għaġeb li għamel il-Mulej fit-tieġ ta' Kana. Dan il-għid kien isir fil-jum tax-xahar ta' Tubi, jiġifieri nhar il-Ħammiem, jew "Epifanija", fis-sitta ta' Jannar kif ingħoddu issa (Adv. Haereses, II, 1, Patrologia Graeca, 41, 941-2). Jgħid ukoll Sant Epifanju li dan il-għaġeb kien isir f'ħafna naħat(4). Dan hu kliemu: "F'Ċibra, raħal tal-Karja, hemm għajn ta' l-ilma li fil-ħin li l-Mulej biddel l-ilma f'inbid f'Kana, l-ilma tagħha wkoll isir inbid. Hekk ukoll isir f'għajn oħra f'Ġerax, fil-Għarabja. Jiena xrobt mill-għajn ta' Ċibra u sħabi xorbu mill-għajn ta' Ġerax, li qegħda fil-Martyrion". Din it-tagħrifa ta' l-aħħar ġiegħlet jaħsbu lin-nies li ħaffru l-qdumijiet tal-belt li l-għajn li semma Sant Epifanju hija dik li sabu fil-bitħa tal-katedral, qrib il-knisja ta San Tewdor. Ħada din il-għajn hemm maqgħad tal-ħaġar, ma' dahar il-knisja, u quddiemu wesgħa li kienet magħluqa b'xatba jew sarbut rikkibiet. Imkien aħjar minn dak, biex isir dan il-għaġeb, ma satax jingħata: fuq il-maqgħad kien joqgħod l-Isqof, u quddiemu, fil-wesgħa l-magħluqa, il-qassisin, biex in-nies ma jrossuhomx waqt il-ħamba ta' xħin isir il-għaġeb tat-tibdil ta' l-ilma f'inbid.

Hu magħruf li f'Ġerax, meta n-nies tagħha kienu Pagani, kien hemm qima kbira lejn Alla ta' l-inbid, li bil-Grieg kien jissejjaħ Djonisju u bil-Latin Bakku. Fil-għid tiegħu kienu jagħmlu għejjun ta' l-inbid flok ilma, biex in-nies tinla' ż-żjar u tixrob kemm tixtieq qalbha. Għal hekk inħaseb li l-għid Nisrani tat-tibdil tal-ilma f'inbid, kien il-għid il-qadim tal-Pagani, li mbagħad l-Insara ta' Ġerax tawh it-tifsir tat-tifkira tat-tieġ ta' Kana. Din ma hix ħaġa tal-għaġeb, għax tibdil bħal dan ta' għejjeda sar f'ħafna pajjiżi, bħal ma sar fil-Masar, f'xi drawwiet Pagani fil-jum tal-Ħammiem jew Epifanija (ara fuq hekk: Righetti, "Storia Liturgica, II", imxandra f'Milan, fis-sena 1946). Kif wieħed jista' jifhem, il-kotra l-kbira tannies ta' Ġerax kienu jaħdmu r-raba u jrabbu l-bhejjem, imma fosthom kien hemm ukoll uħud kbarat u għonja, għax ismijiethom, bħal Flavju Gawdenzju, Flavju Anastasju, Flavju Elija, u t-tribun Dagestu, li għamel xogħol kbir fi żmien l-Imperatur Ġustinjanu (565) jissemmew fil-kitbiet. Ma-

(4) Hemm għidut li t-tibdil tal-ilma f'inbid kien isir ukoll f'Malta, imma nhar Lapsi, f'nofs il-lejl, m'hux nhar il-Ħammiem. Ara x'kiteb fuq hekk Mons. Grech fil-ktieb tiegħu: "La Chiesuola delle Virtut", faċċata 15 u 30. Il-mara li kellha r-raba tal-Knisja tal-Virtut, ir-Rabat, qaltlu li l-ilma tal-bir ta' quddiem il-knisja, f'Lapsi kien jitla' sax-xifer, u jsir inbit.

għruf ukoll li kien hemm nies oħra tattajjeb u nies tas-snajja', bħal dawk li jaħdmu l-deheb biex jiżżejnu n-nisa.

Mill-kitbiet wieħed jista' jagħraf ukoll ħafna minn dak li l-insara ta' Ġerax kienu jemmnu. F'kitba minnhom hemm dal-kliem: "Alla wieħed u Kristu Rebbieħ", bħala tweġiba għal kitba oħra Pagana, li tgħid: "Alla wieħed u Ġuljanu Imperatur" (5). Kemm kienu jgħożżu d-Din Nisrani għadu jidher ukoll minn kliem bħal dan li jinsab fil-kitbiet ta' dak iż-żmien: "Mulej, għinna!" "Imqaddsa Marija, ħarisna!" "San Ġorġ, ieqaf magħna!", u oħrajn. F'dawn il-kitbiet Kristu hu msejjaħ: "Dawl u Ħajja".

Meta l-Misilmin ħadu Ġerax, il-ħajja Nisranija nfilġet. Beqgħet tnin ftit tassnin u fl-aħħar intfiet għal kollox. Ħaġa tas-sew tal-għaġeb kif dawk l-Insara li b'xogħol u taħbit kbir bnew dawk il-knejjes kollha, tilfu hekk malajr twemminhom. Imma dan hu li ġara, u ħadd ma jista' jiċħdu. Fl-istorja hemm ġrajjiet ta' tibdil f'daqqa, li hu magħruf li ġara, imma kif u għaliex ġara, ma jistax jiftiehem.

P. B. Bagatti, O.F.M.

---

(5) Dan kien Ġuljanu l-Apostata, iben Kostanzu Floru, jiġifieri aħwa ma' Kostantinu l-Kbir, mill-missier biss, għax ma kienx bin Santa Liena. Dan għall-ewwel kien Nisrani, imma raġa' qaleb Pagan. Twieled fis-sena 331 u miet fis-sena 363, fil-ħarb mal-Persin. Hu u jmut għajjat: "Int irbaħt, ja Galili!" (**Galili** jiġifieri Ġesù).

(Noti tal-Editur)

---

# ID-DIELJA FIL-BIBBJA

L-ewwel ħsieb ta' Nuħ malli ħareġ mill-Arka, wara l-Għarqa l-Kbira jew **Dilluvju,** kien li jiżżi ħajr 'l Alla talġid kbir li kien qala' minn għandu. Għaldaqshekk debaħlu dbiħ ta' bhejjem safja minn kull xorta u Alla wara li xamm dik il-fwieħa ta' laħam mixwi (kif miktub fil-Ktieb Imqaddes) wegħdu li ma kellu qatt aktar jibgħat għarqa fuq id-dinja. Hieni b'dik il-wegħda, it-twajjeb bidwi, li kien raġel temmi quddiem Alla (Ktieb in-Nisel, VI, 9), raġa' qabad jagħżaq u jiżra' l-art, bħal ma kien jagħmel dari qabel ma daħal fl-Arka. Barra minn dan, billi kien ġieb mill-Armenja ftit żraġen taddwieli, ħawwilhom u rawwam karem jew għalqa tal-għeneb. Id-dwieli kibru, għamlu l-għeneb, li għasru u għamlu nbid u xorob minnu bil-kotra; u tqarraq, għax ma kienx jaf il-qawwa tiegħu, u bla ma ried intilef minn sensiħ bis-sakra (Ktieb in-Nisel, IX, 20).

Malli qam mis-sakra, u kien mgħarraf bl-imġiba ħażina miegħu ta' ibnu Ħam, għadab għalih u seħet in-nisel tiegħu: "Ikun misħut Kangħan! Qaddej ikun, tal-qaddejja ta' ħutu!" (Nisel, IX, 24).

Wieħed kellu jaħseb li għal din ilħsara li ġrat ħtija ta' l-inbid tal-għeneb, in-nies kellhom jobogħdu lid-dielja. Imma ma ġarax hekk. Mill-Kotba Mqaddsa nafu li d-dwieli kienu mrobbijin b'għożża kbira. Fuq kollox sabiħa wisq hi x-xhieda tal-Għanja ta' Izajija, li fiha jxebbah lill-bidwi u l-karem ma' Alla u l-poplu tiegħu (Iżajija, V, 1-2).

It-taħwil tad-dwieli, isir l-aktar fuq

djul il-għoljiet, ġewwa ħbula raba' li jinżlu setaħ-setaħ, għal xejn għal xejn ma' xi għolja. Il-lum ukoll, il-bidwi tal-Palestina, jiġifieri l-Fellaħ, irabbi u jagħżaq u jiżbor id-dwieli b'imħabba kbira u barranija. Jagħżaq l-art, inaqqiha miż-żrar bis-sabar kollu. Jekk l-art tkun tal-bajjad, iġib, ftit ftit, xkejjer ta' ħamrija ħamra u jħallatha magħha. Malli tagħmel l-ewwel xita, jaħratha ħarta. Jarġa' jaħratha fir-rebbiegħa u jaħratha t-tielet ħarta meta jibda ħiereġ ir-rimi. F'Mejju u Ġunju jaqla' minn bejn id-dwieli l-ħaxix ħażin, jew l-għâxeb, biex ma jardax it-tira ta' l-art u jgħakkes id-dwieli.

Ma għandniex xi ngħidu, mhux il-bdiewa kollha jaħdmu b'dik l-imħabba. Hemm ukoll fosthom il-għażżenin, bħal ma jixhed il-Ktieb tal-Qwiel: "Għaddejt minn għala l-għalqa tal-għażżien u minn għala l-karem ta' l-iblah. U rajthom miksija bil-ħurrieq, u x-xewk għatta l-wiċċ kollu. U l-girna tal-għassa kienet imġarrfa!" (Ktieb il-Qwiel, XXIV, 30-31).

It-tidmil tar-raba' kienu qisu bla magħruf għal kollox; għal hekk il-wegħda tal-ġennien li jdemmel it-tina l-ħawlija fl-Evanġelju turi ħerqa barranija. Dak iż-żmien ma kenux jifirxu tiben jew ħuxlief taħt il-bhejjem biex jorqdu fuqu. Il-lum ukoll, bħal fi żmien Ġobb, id-demel aktarx jixħtuh fit-tarf tar-raħal, u l-foqra mbagħad jiġbru minnu u jagħġnuh u jagħmluh ftajjar u jnixxfuħ fix-xemx, biex jaħmu u jsajjru bih, għax ma jkollhomx faħam jew ħatab.

Il-qawl igħid: "Kull dielja trid ħatarha", fuqiex tieqaf; imma l-Fellâħ tal-Palestina wisq drabi jħobb iħalli d-dielja tissarraġ fuq il-ħamrija. Ġie li jxeblika ma' xi siġra tat-tin, li hu u martu u wliedu fid-dell tagħha jħobbu jgħaddu siegħat twal ta' serħ u heda. Ma kienx għal xejn li nkiteb fil-Bibbja: "Oqgħod taħt id-dielja u t-tina tiegħek, u thenna bil-frott tagħhom!" bi xbieha ta' ħajja hienja u mimlija bis-sliema, mingħajr ħsieb u taħbil ir-ras.

## ĦITAN, BRAĠ TAL-GĦASSA

## U MAGĦSRIJIET

Il-karem jew għalqa tad-dwieli, ikun qisu dejjem imdawwar b'ħajt tas-sellieħ, oħxon, bil-ħaġar imdaħħal f'xulxin, biex iżomm iebes u ma jaqax bixxita. Kif inhu miktub fil-Ktieb tal-Għadd, l-Anġlu waqaf u qata' t-triq tal-ħmara ta' Balgham, f'mogħdija dejqa, bejn żewġ ħitan tas-sellieħ (XXII, 24).

Il-krum il-kbar kien dejjem ikun fihom il-borġ tal-għassa, bħal dawk li għadhom jidhru s'issa fl-inħawi ta' Betlehem(1). Uħud minnhom ma humiex għajr ġabra ta' ħaġar li fuqhom, meta l-għeneb jibda jonfoħ, il-bidwi jwaqqaf għarix, tal-qasab jew tal-frieghi. Braġ oħra għandhom il-għamla ta' xi borġ tal-gwerra, bil-ħajt minn barra li jieħu għal fuq il-bejt. Il-bdiewa kienu jħarsu lill-krum tagħhom mill-ħnieżer tal-barr u mill-wawijiet, donnhom klieb żgħar, barrija, li jħobbu wisq il-għeneb. "Aqbdulna l-wawijiet, dawk iż-żgħar, li jħarbtulna d-dwieli!" titlob il-għarusa tal-Għanja (II, 15).

Imma l-ħallelin ukoll sid il-karem kien jieħu ħsiebhom. Biss, xejn ma kien jista' jingħad lil min kien jidħol fil-karem ta' ħaddieħor biex jiekol il-għeneb, bla ħsieb li jieħu miegħu barra(2) (Dewt. XXIII, 24). Għax din hija l-aħjar triq biex wieħed iwarrab xi ħsara akbar, kif igħid wieħed mill-qwiel: "Trid tħares il-frott tiegħek? Ġib ruħek sewwa ma' kulħadd!"

Il-karem kien ikun fih ukoll magħsar imħaffer fil-blat. Għadd kbir ta' mgħasar jinkixfu bit-taħfir tal-qdumi-

ja, u minnhom jinsabu, ftit jew wisq, kullimkien: fir-raba', fl-oqsma taż-żebbuġ, u l-aktar fil-krum. Il-magħsar kien ikun għamla ta' żewġ konok: konka ogħla mill-oħra; f'ta' fuq kien jingħasar il-għeneb u l-meraq tiegħu kien jinżel minn toqba jew tnejn għal ġewwa l-konka ta' taħt. Billi issa l-kotra tan-nies tal-Palestina Misilmin, li ma jixorbux inbid, ma għadhomx iħaffru mgħasar fil-blat bħall-bdiewa ta' dari.

Għal dik li hi kotra ta' għeneb, l-aktar dwieli għammiela kienu d-dwieli tan-naħa ta' Ħebron. Fil-qrib ta' din il-belt, fil-Kotba Mqaddsa, għal kotra u ġmiel tal-għeneb, imsemmi wisq il-wied ta' Eskol, fejn l-Israelijin li kien bagħat Mosè biex jiftaqdu l-art ta' Kangħân, "qatgħu żarġuna b'għanqud għeneb u dendluħ ma' ħatar (Ktieb il-Għadd, XXIII, 24) u ħaduh lil ħuthom biex juruhom il-ġid li kien fih il-pajjiż li kienu sa jidħlu fih.

Imsemmija ħafna wkoll huma l-krum ta' Għajn-Gidi u ta' Bagħal Ħamôn. (Għajna tal-Għanjiet, I, 14; X, 2). Jusef il-Lhudi jfaħħar id-dwieli li kienu fuq xatt il-għadira ta' Ġenesâr, fil-Galilija, fejn il-krum tal-għeneb kienu mħallta mal-ġonna taż-żebbuġ (Gwerra Lhudija 11, 10, 8). Il-ktieb tat-Talmud ifaħħar ukoll il-krum ta' Saron u ta' nħawi oħra li l-lum ma għadhomx magħrufa (M. Nidda, 2, 7). Il-kotra ta' nbid u żejt u l-ħafna xorta ta' siġar tal-frott fl-art ta' Kangħân huma wkoll imsemmija mill-Protagonista Masri fil-ktieb imsemmi r-**Rumanz ta' Sinuħe,** li żar din l-art xi elfejn sena qabel ma twieled Kristu (Gressman, Alt. T. 1, 213). L-Annali ta' Tutmosis III, xi elf u ħames mitt sena qabel Kristu, isemmu wkoll id-dwieli ta' Meġiddo, li issa msemmija Tell il-Mutsellem.

## QTIGĦ U GĦASIR IL-GĦENEB

Qtigħ u ġbir il-għeneb li jsir f'Settembru u Ottubru dejjem iġib miegħu ferħ u jkun imsieħeb minn żfin, daqq u għana. Għeliem ħażin wisq meta ma jkunx hemm ferħ fi żmien ġbir il-għeneb. Il-Profeta Iżajija jgħodd bi bxara ħażina n-nuqqas ta' ferħ f'dawk li jaqtgħu l-għeneb: "Niekta l-ġabra tal-għeneb, qalbha sewda d-dielja. Dawk li messhom ikunu ferħana, issa qegħdin jokorbu... ma jixorbux inbid, bid-daqq u l-għana! Għax għeb il-ferħ tagħhom kollu!" (Iżajija, XXIV, 7, 9, 11). Sabiħa ħafna hija l-ħsiba tal-Ktieb tal-Levitku, li tqanqal fil-qalb tal-bniedem ħsus ta' ħniena: "La tqaxqaxx id-dielja, anqas tiġbor l-għenieqed ċkejkna; ħallihom għall-fqir u għall-għarib" (Lev. XIX, 10, test Lhudi).

Bħas-siġar tal-frott kollha hekk ukoll id-dielja kienet tinqies bi mniġġsa żmien l-ewwel tliet snin ta' għomorha. Ma' tul daż-żmien ħadd ma kien jista' jiġbor għeneb minnha. Il-għeneb tar-raba' sena, imbagħad, kien ikun mogħti lill-Mulej (Lev. XIX, 23-24). Dawk li jkollhom il-krum ġodda kienu jkunu meħlusa milli jagħmluha ta' suldati żmien erba' snin (Dewt. XX, 6).

Il-lum, bosta mill-fellaħin tal-Palestina jrabbu d-dwieli mhux biex jixorbu l-inbid tagħhom, imma biex jieklu l-għeneb. Dawn imorru joqogħdu fil-karem, jew għalqa tad-dwieli għall-ewwel jiem ta' Awissu u jdumu hemm sa l-aħħar ta' Ottubru. Imorru hemm il-koll: ir-raġel u l-mara u l-ulied kollha Jieħdu magħhom ukoll it-tiġieġ u l-qattus u l-ġemel u l-ftit għemara li jkollhom fid-dar. Imur ukoll warajhom il-ħaruf, rasu mgħaddsa u qalbu sewda, donnu jaf li malli jaslu sa jindebaħ u jittiekel għall-festa.

Il-għeneb kienu jixħtuh fil-magħsar u jagħsruh b'saqajhom. Huma u jagħsruħ kienu jiżfnu u jgħannu ferħana (Iżajija, XVI, 9; Geremija, XXV, 30). Dawk is-Salmi li għandhom miktub

fuqhom: "Għall-Għassarin", aktarx li nkitbu biex jitgħannew mill-bdiewa li kienu jaqtgħu u jagħsru l-għeneb. Il-għasir fis-sens imxebbah kien ifisser qatla ta' nies kbira u bla ħniena. Jinħass wisq il-kliem li bih ir-rebbieħ ta' Iżajija jfisser ir-rebħa kbira li kellu fuq l-għedewwa tiegħu: "Għasarthom f'għadbi, u għaffiġthom, u demmhom tar fuq ħwejġi, u bqajt bi lbiesi miblul. Libsti saret ħamra bħal ta' dawk li jagħsru l-għeneb" (LXIII 2-3).

### ID-DIELJA FIL-KLIEM IMXEBBAH

Fil-Għaqda l-Qadima wisq drabi l-Karem jixxebbah mal-poplu ta' Iżrael, u juri l-ħsieb u l-imħabba li Alla għandu għall-poplu li għażel, li għanih b'kull xorta ta' ġid, imma li ma afhulux (Iżajija, V, 1-2; XXVII, 2-6; Ġeremija, II, 2-21 u oħrajn). Kif kellha titqasas u titgħaddab din il-għalqa li sidha jaħdimha imma hi ma tagħtihx frott? Hekk igħid il-Mulej: "Naqlagħlha x-xatba, u jidħlu fiha l-għanem... inħottilha l-ħajt, ħalli jgħaffġuha... u la tinżabar anqas tingħażaq!" (Iżajija, V, 5-6).

Din it-tixbiha tinsab ukoll fil-Għaqda l-Ġdida, imma b'taqbil xorta oħra. Hekk fit-tixbiha tal-fellaħin ħżiena (Matt. XIII, 1-12; Luqa, XX, 9-19), il-karem ifisser is-Saltna t'Alla u l-wegħdiet tal-Messija, li kellu jaħtar poplu ieħor, li fiż-żmien tiegħu jagħti l-frott tal-ħajja ta' dejjem.

Sabiħa kemm tista' tkun hi t-tixbiha tad-dielja u l-friegħi tagħha li hemm fl-Evanġelju ta' San Ġwann (XV, 1-11). Turi lil Ġesù bħala dielja tas-sema, li bħad-dielja ta' l-art jagħti l-ħajja lill-friegħi, jiġifieri lill-Insara, billi jgħaddilhom il-meraq tal-ħniena għall-għixien tagħhom. Jista' jkun li din it-tixbiha ġiet f'moħħ il-Ħellies minn dak l-inbid li ftit qabel kien biddel f'demmu, u li kellu jwettaq il-ftehim t'Alla mal-bnedmin.

Għalhekk, għamlu sewwa l-bnedmin li nsew il-ġrajja ta' niket li ġieb l-ewwel inbid li xorob Nuħ, u d-dielja beqgħet mirquma u miżmuma bil-għożża u l-ferħ, u bil-weraq tagħha jżejnu xbinhom, bħala xbieha tal-għerf tagħhom!

P. ĠAĊINTU FACCIO, O.F.M.

---

# KIF IL-GĦARAB JILQGĦU L-GĦORBA

Ġewwa l-wetgħat wesgħin tal-Palestina, jew fuq djul l-iġbla, jew fil-qrib tar-rħula u ta' l-ibliet, min iżur dik l-art wisq drabi jara ġemgħat ta' għarejjex tal-ġild tal-mogħoż jew tan-nagħaġ jew ta' l-iġmla, li jwaqqfuhom dawk il-ġens ta' Għarab li jgħidulhom **Bedu,** li taħthom jgħammru u jgħaddu l-ħajja fqira u mġebbda tagħhom.

Uħud minn dawn in-nies igħixu bl-għakkarija; oħrajn billi jlaqqtu xi naqra tal-wiċċ, mir-raba'; oħrajn billi jbiegħu l-ħalib u s-suf tan-nagħaġ ta' xi naqra ta' merħla; u oħrajn, imbagħad, billi jagħmlu xi teftifa xogħol fl-ibliet. U donnhom għandhom is-sħarijiet: għax fejn il-lum tara għadd ta' għarejjex, il-għada ma tara xejn minnhom; jew fejn il-bieraħ ma kien hemm xejn, il-lum tara qatgħa għarejjex. Għaliex dawn dejjem jiġru min-naħa għall-oħra, u pajjiżhom ma hu mkien, u huwa kullimkien.

Dan juri x'egħruq qawwija għandhom fil-qalb tan-nies Xerqija d-drawwiet il-qodma. Għax hekk kienu jgħixu

in-nies ta' din l-art eluf ta' snin ilu. Kif jidher mill-Kotba tal-Bibbja hekk kienu jgħixu l-Patrijarki; hekk kien jgħaddi ħajtu Abraham, hekk Iżhak u Ġakobb, u wliedhom u wlied uliedhom, min-nisel għal nisel.

Hi fehma ta' dawn il-Għarab li huwa dmir sħiħ tagħhom li min ikun sejjer minn art għall-oħra, jekk jitlobhom, għandhom jilqgħuh fil-għarix tagħhom u jduru bih bħala Anġlu mibgħut minn Alla, u juruh kull ġieh u qima. Fil-għarix tagħhom il-għarib għandu jsib il-mistrieħ tal-moħħ u tal-ġisem, u għandhom iħarsuh minn kull deni, bis-saħħa tagħhom kollha. Għal dan kellhom minn dejjem il-fehma, u għadha għandhom ukoll il-lum, li tilqa' l-għarib hu dmir, u hija ħaġa li ma għandek qatt tiċħadha, u li kull għarib għandu l-jedd li jitlobha. Huma jiftaħru bil-qawl tagħhom: "Il-Għarab tekrem il-għarib", jiġifieri: **Il-Għarab jweġġħu l-għorba.**

Il-għadiet tal-Għarab tal-barr fuq il-lqigħ tal-għorba, ma tbiddlu xejn, imma għadhom li kienu, xorta waħda, fl-aktar żmenijiet imbegħda. Malli jasal għandhom għarib u jitlobhom il-kenn, idaħħluh ġewwa għarixa li jkollhom imhejjija għal dan il-għan, li jgħidulha "ġrun", jew "manżel", u jġibulu l-ilma biex jaħsel wiċċu, idejh u saqajh, u l-kafè x'jixrob u kull ma jistgħu għal ħteġijiet tiegħu. U jagħmlu dan bil-qalb u bil-ferħa, li dak li jkun iħoss ruħu li mhux għand il-barranin, imma fost niesu u ġewwa daru. Fil-għarixa ma jarax ħlief faqar, għaliex il-**Bedu** jgħaddu bi ftit ħwejjeġ għall-ħajja, imma d-dħulija tagħhom tnessih malajr il-faqar ta' madwaru. Waqt li n-nisa u l-bniet iħammsu l-kafè u jħerrżuh fil-mehrież, u jgħalluh fil-briq fuq il-ġamar, ir-rġiel u s-subjien iduru bih u jieħdu ħsiebu u ħsieb ħwejġu, u l-għalf u l-qajl tal-bhima, jekk ikollu.

Imbagħad jidbħu ħaruf jew gidi, jgħallu r-ross u jroxxu fuq ir-ross imgħolli x-xaħam imdewweb tiegħu. Imbagħad iġibu ħasira u jifirxuha fl-art u jgħajjtu lill-ġirien, biex mal-għarib u magħhom jaħdru l-ikla. In-nisa jġibu l-ikel u jqegħduh fuq il-ħasira. L-ikel ikun ġewwa lembija tal-għewwied li jgħidulha batja. Il-għarib u l-Bedu u l-ġirien joqogħdu madwar il-batja u jaqbdu jieklu. Id-drawwiet il-qodma ta' kif wieħed joqgħod bil-qiegħda u kif jiekol, għandhom jitħarsu b'reqqa kbira. Trid toqgħod b'saqajk imsallbin taħtek, u tiekol bl-imgħarfa u l-furketta ta' Adam, jiġifieri taqbad l-ikel u tixħtu f'ħalqek b'idek, u għalhekk l-ikel tal-Għarab qatt ma jkun bil-meraq, imma ross xott, jew għadds, u biċċiet tal-laħam imqattgħin, li ma jeħtiġux sikkina.

Jekk il-għarib ikun xi raġel ta' l-ibliet, u aktar jekk ikun mill-Ewropa, għandu jiftaħ għajnejh li ma jidħakx, jew juri li qiegħed jitqażżeż, għax dan jittieħed bħala għajb kbir għal min ikun laqgħu fil-għarixa. Għax il-Bedu, bħal ma jgħid il-poeta Għarbi Jusef Għassuf, "Huwa... ħelu fi mġiebtu... minn tagħna fi kliemu. Jaqdi minn rajh lill-għorba, imma le ma jitbaxxa, u jħares ġiehu b'għira kbira. Jagħti biż-żewġ u joqmos bħal żiemel imnaffar jekk hu jħoss li sarlu xi għajb!"

Wara l-ikla jinġieb il-kafè, u wara l-kafè n-nargile bit-tabakk, li jpejpuha ftit infies kull wieħed, u ma għandek qatt timsaħ l-imserka li tqiegħed f'ħalqek, meta tkun għadha kemm ħarġet minn ħalq ħaddieħor. F'dan il-waqt joqogħdu jitħaddtu u l-għarib għandu jgħidilhom fuq pajjiżu u fuq niesu u fuq xogħlu u fuq x'iltaqa' miegħu fi triqtu. Jibqgħu jitħaddtu sakemm il-għarib juri li hu għajjien u jixtieq jorqod. Imbagħad kulħadd jitlaq u l-għarib jitħalla waħdu b'kull ħorrija.

Meta l-għarib ikun sa jitlaq, jiżżi ħajr lil min laqgħu, jirkeb debbtu, jekk ikollu, u jitlaq, mingħajr wisq tibgil u wiri ta' qima. Imma dawk li jkunu laqgħuh, iduru miegħu u jixtiequlu safar tajjeb u ġid u barka u risq u hena. Jitolbuh ukoll li jarġa' jgħaddi għandhom mill-aktar fis li jista' biex **ixarrafhom,** jiġifieri jagħmlilhom ġieh. Jekk ikunu jistgħu, aktarx li qabel jitlaq jagħtuh xi ħaruf, u drabi wkoll xi ġemel, bħalli kieku huwa għamlilhom il-ġid mhux huma għamlu l-ġid lilu. U jieħdu għalihom wisq jekk il-għarib qabel ma jitlaq ifettillu jagħti lil xi ħadd minnhom xi għotja, jew xi flus bħala ħlas tal-laqgħa li għamlulu.

Darba tnejn min-nies Ewropin taw xi flus lill-mara tal-Għarbi li kien laqagħhom f'daru, bħala ħlas tan-nefqa li għamel għalihom. Kif il-mara rat lil żewġha u qaltlu b'dan, hu qabad il-flus u rikeb iż-żiemel u telaq imlebbet għal warajhom. Kif laħaqhom silet is-sejf u qalilhom: "Jew terġgħu tieħdu dawn il-flus, jew b'dan is-sejf ninfidkom!"

Id-dmir li tilqa' l-għorba huwa hekk qawwi li hi ħaġa wisq kbira li qatt jinkiser, għad li l-għarib jingħaraf li hu ħati. Xi tletin sena ilu ġrat ġrajja li għandha x'taqsam ma' dan, u li tassew hi ta' min isemmiha.

Bejn il-Għarab hemm il-liġi, bla miktuba, tal-"qatgħa", jiġifieri, jekk wieħed minn ħamula (razza jew tribù) joqtol lil xi ħadd minn ta' ħamula oħra, dawn joqtlu wieħed minn ta' dawk, u jibqgħu sejrin hekk għal ħafna snin. Mela, fis-sena 1927, il-ħamula tal-Ħwetat, nies ta' qattagħni, li għandhom l-art tagħhom fix-Xmiel (nord) tat-Transġordanja, bagħtet nies jaħbtu għal ħamula ta' Beni-Sahar, li magħha kellha xi tgħid sewwa. Meta kollox kien imħejji u l-jum tal-ħabta magħżul, nies il-Ħwetat bagħtu l-kixxiefa ma' dwar il-għarejjex ta' Beni-Sahar. Kien bil-lejl u s-sema msaħħab. Għamlet ħalba xita li ttamaw li tgħaddi malajr, bħal ma dari jsir fil-barr. Imma m'hux hekk ġara għax wara x-xita bdiet nieżla l-borra. Il-borra għaqdet fl-art u t-trejqiet fir-ramel ma baqgħux jidhru. Sebaħ fil-għodu u l-borra baqgħet nieżla, u l-kixxiefa tal-Ħwetat u l-bhejjem tagħhom kienu sa jmutu bil-kesħa. Għal dan ir-rajjes li kien magħhom qata' li jmur jitlob kenn lil għedewwa, isir li jsir, għax aħjar imutu bis-sejf inkella bil-bard.

Għal hekk in-nies tal-Ħwetat bil-bhejjem tagħhom imxew qajl qajl lejn il-għarejjex ta' Beni-Sahar u talbuhom il-kenn. Beni Sahar laqgħuhom u xelgħulhom in-nar biex jisħnu, qajjlulhom il-bhejjem u lilhom temgħuhom u lil bhejjem għalfuhom. Il-Ħwetat, kif kielu, wara lejl imqajmin fil-kesħa, xteħtu fuq il-ħsajjar u raqdu sal-għada. Fil-għodu x-xiħ ta' Beni-Sahar, li kien jismu Ħatmal, mar ma' xi rġiel oħra jżur il-għorba u jagħtihom is-sebħ ittajjeb, u stagħġeb mhux ftit meta rahom imrekknin flimkien u mbeżżgħa. Ġebilhom il-ftar u l-kaħwa u wara dan saqsiehom: "Min intom, u minn fejn intom ġejjin?"

"Aħna min-naħa t'isfel," weġbuh, "u l-ajru qabadna għall-għarrieda!"

Wiċċ ix-xiħ ħrax u mqat, għax minn kliemhom għaraf li kienu mill-ħamula tal-Ħwetat. "Intom mill-Ħwetat!" għajjat, "u ġejtu hawn biex toqtlu nies minn tagħna!"

Sħab Ħatmal għal dal-kliem għajtu l-għajta tal-gwerra u f'daqqa ta' għajn ir-rġiel kollha ta' Beni-Sahar ħarġu bis-sjuf misluta f'idejhom, ħadrin għattaqbida. Imma Ħatmal b'tixjira ta' idu waqqafhom u beda jimxi mal-għarixa u jħabbat għant is-sejf mal-art, bejn sħabu u l-għedewwa. Għadda hekk ftit tal-ħin, li kien ħin tal-biża'; fl-aħħar ix-xiħ Ħamtal dar lejn il-

Ħwetat u qalilhom: "Aħna għandna l-jedd kollu li noqtlukom; imma kunu afu li għal Beni-Sahar aktar għażiż il-ġieħ inkella d-demm. Il-ħobż li kiltu minn għandna ħeliskom, morru bis-sliema!"

U b'dan l-kliem il-mibegħda ta' bejn il-Ħwetat u Beni-Sahar, dabet. Id-demm imxerred fl-mgħoddi ntesa. U ż-żewġ ħamuliet: tal-Ħwetat u Beni-Sahar l-aqwa u l-eħrex tat-Transġordanja, saru ħbieb u jgħożżu lil xulxin bħal aħwa. U hekk għadhom sal-lum.

P. Narcissu Cecchitelli O.F.M.

# IR-REĠISTRI TA' CASA NOVA

Lewwel ħaġa li għandna ngħidu, xi tkun "Casa Nova". Għax hawn kotra kbira ta' nies li ma jafux x'inhi.

"Casa Nova" tkun bħal lukanda, miżmuma mill-Franġiskani tal-Qabar ta' Kristu, fil-Palestina, li kull Nisrani Kattolku li jmur hemm, jista' joqgħod fiha għal tliett ijiem, jiekol u jixrob u jorqod mingħajr ma jħallas flus. U fil-Palestina m'hux "Casa Nova" waħda biss hemm, imma waħda f'kull raħal jew belt fejn hemm l-Imkejjen Imqaddsa. Hemm "Casa Nova" kbira ħafna f'Ġerusalem; hemm oħra Ġaffa; oħra Betlehem, oħra Għajn Karem, oħra Emmaus u oħra Nazaret; imbagħad hemm Ospizju, bħal "Casa Nova" żgħira: Tabarija, Kafar-Naħum, Kana tal-Galilija, fuq it-Tabor u f'ħafna mkejjen oħrajn. Bħal ma għedna qabel, dak li jkun jista' joqgħod tliett ijiem f'kull waħda minn dawn.

"Imma kif toqgħod hemm u ma tħallas xejn?" Isaqsi xi ħadd. "Il-Franġiskani jridu l-flus biex jixtru l-ikel u x-xorb u s-sodod, u biex iħallsu lil ħaddiema."

Hekk hu, mitt darba u elf; imma inti taf, li drabi nhar ta' Ħadd fil-knisja tal-Parroċċa jiġi Patri Franġiskan "Ta' Ġieżu", jiġbor għal Qabar ta' Kristu. Dan isir fil-pajjiżi Insara kollha; dawk il-flus li jinġabru, jinbagħtu Ġerusalem, u minnhom jitħallsu n-nefqiet kollha li jagħmlu l-Franġiskani, sewwa biex iżommu kif jixraq l-Imkejjen Imqaddsa — bħall-Għar ta' Betlehem, id-Dar tal-Madonna f'Nazaret, il-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalem u ħafna oħrajn — u wkoll in-nefqiet ta' "Casa Nova". Għal hekk, il-Franġiskani, min joqgħod fil-"Casa Nova", jew Lukanda tagħhom, jekk jagħtihom xi ħaġa jeħduha; imma jekk ma jagħtihomx, ma jitolbuhx. Għax "Casa Nova" hija miżmuma mill-flus tal-Insara. Meta inti tagħti xi ħaġa lil dak ir-Raħeb tat-"Terra Santa", tkun qiegħed tagħti għal dawk in-nefqiet.

Mela, f'kull "Casa Nova" hemm sala b'ħafna siġġijiet fejn in-nies jistgħu joqogħdu flimkien jitħaddtu; u hemmekk fuq mejda jkun hemm reġistru, biex dawk li jżuru l-Palestina, qabel ma jitilqu, jiktbu isimhom, u jekk iridu, xi żewġ kelmiet miegħu wkoll. Hawn sa nsemmu biss ir-reġistru ta' "Casa Nova" ta' Ġerusalem.

Fir-reġistru ta' "Casa Nova" ta' Ġerusalem jinsabu ismijiet ta' nies magħrufa fl-istorja ta' żminijietna; ismijiet ta' Rejjiet, ta' Prinċpijiet, ta' Ġenerali, ta' Duki, ta' Kardinali, Isqfijiet u Qassisin, ta' nies tas-suq; ta' Sorijiet u wkoll ta' nies foqra li ma tiġihomx bi kbira li jiktbu li ż-żjara tagħhom f'Ġerusalem ħallsuha bi snin ta' tiġmiegħ u tqanċiċ, u tilqit u nuqqasijiet ta' ħwejjeġ meħtieġa.



Ismijiet ta' nies magħrufa fir-Reġistru ta' Casa Nova ta' Ġerusalem: 1. Ir-Re Alfonso XIII ta' Spanja u d-Duka ta' Miranda; 2. De Valera u l-familja; 3. Ir-Re Għabd-Allaħ tal-Ġordanja; 4. Il-Prinċep Umberto tal-Italja; 5. Ir-Re u r-Reġina tal-Belġju.

F'dar-reġistru hemm kitba ta' min jaf tajjeb iħaddem il-pinna u ta' oħrajn li ftit jafu jiktbu, li saħansitra jagħmlu għaltiet tal-ortografija. Hemm kitbiet twal, ta' faċċata sħiħa, ta' xi wieħed mill-Amerka t'Isfel, li għalih kollox huwa "hermoso" (jiġifieri "sabiħ") u hemm kitbiet ta' Ingliżi u Amerikani, li ma fihomx ħlief kelma waħda: "Thank you!" u warajha l-isem. Fih ukoll kitba b'kull xorta ta' lsien: Għarbi, Ċiniż, Taljan u Ingliż; Franċiż, Ġermaniż u Spanjol. Kitba ħoxna, kitba rqiqa, kitba wieqfa jew immejla; dritta jew imgħawġa, sabiħa jew kerha, ċara jew kemm-kemm tinqara. F' kelma waħda, hemm kull xorta ta' kitba li turi l-karattru ta' min kitibha.

Qishom iż-żawwara kollha jfaħħru l-imġieba ħelwa tad-Direttur ta' "Casa Nova" taż-żmien li kienu fiha huma, u wħud ukoll tal-ħaddiema li kienu jaqduhom. Hemm kemm-il wieħed li jfaħħar ukoll lil-Franġiskan li dawwarhom l-Imkejjen Imqaddsa; it-Taljani jsemmu lil P. Nunzio del Vecchio, il-Franċiżi lil P. Paul Cheneau u l-Ġermaniżi u l-Belġjani lil P. Albert Rittner. Fost id-Diretturi jissemma P. Michieli, u warajh P. Antonio Gassi, u wara dan P. Teofilo Bellorini, li miet ftit ilu f'Ġerusalem. Milli jidher l-imġiba tajba tad-Direttur kienet tintiret minn dak li jiġi warajh, sewwa jekk imut, u sewwa jekk jibqa' ħaj u jingħatalu xogħol ieħor.

Fid-19 ta' Novembru 1910 waħda mara Spanjola kitbet: "Ja Ġerusalem, fik jinsab il-Qabar l-aktar imfaħħar tad-dinja. Il-Qabar li jinsab fik, fih ittama tal-qawma tiegħi. Sa nħallik, ja Ġerusalem! Sa nħallik, sa kemm narġa' narak, meta niġi fil-Wied ta' Ġosafat, quddiem l-Imħallef tas-Sewwa".

Mara oħra Franċiża kitbet taqbila ta' erba' versi qosra, li fihom tiżżi ħajr lil-Franġiskani tal-jiem ħienja li għaddiet "Casa Nova". Mit-taqbila ta' dilmara Franċiża ittieħdu wkoll nies oħrajn, għax warajha jinsabu taqbiliet oħra bl-Ispanjol, bil-Polakk u bl-Ungeriż, fejn bħalha jfissru l-hena li ħassew fiż-żmien li damu fl-Art Imqaddsa, u kemm jibqgħu jafuhulhom lil Franġiskani.

Fl-4 ta' Mejju il-magħruf Duhamel li żar l-Art Imqaddsa mal-familja tiegħu u qagħad f'"Casa Nova", kiteb tiżżija ta' ħajr lil P. Cheneau tal-ħsieb li ħa tagħhom kemm damu Ġerusalem.

Fit-23 ta' Mejju ta' dik is-sena, wieħed ieħor, is-sur Gauci, li kien ġie jżur lil Ġerusalem minn Lixandra, kiteb dawn il-kelmiet qosra: "Faqar għalihom infushom, u karità għall-oħrajn: din hija l-ħajja tal-Franġiskani. Niżżi ħajr lil kull ħadd u b'sogħba kbira sa nħalli l-Imkejjen Imqaddsa!" Eugenio Brunetti, li sar Ġerusalem f'Ġunju tassena 1924, kiteb hekk: "It-tjieba hi ħaġa tas-sema, u lejn is-sema qarrbuni l-Ulied qalbiena ta' San Franġisk!"

Wieħed li kien dineb xi dnub kbir(1) u mar Ġerusalem biex jagħmel it-tewba tiegħu, kiteb hekk: "Imkejjen Imqaddsa! Kelli x-xorti li nintafa' b'wiċċi fl-art fuq il-ħaġar tagħkom, u hemm ħallejt id-dmugħ, id-dell, u t-toqol taddnub tiegħi. It-tifkira tagħkom tmexxini, msoffi, mat-toroq tal-ħajja, u ġġiegħelni nsib fiha l-Bniedem Ġdid, għalkemm ma kenitx tistħoqqli din il-ħniena!"

Fost it-tiżżija ta' ħajr stqarrijiet u xewqat tajba, drabi hemm ukoll xi ftit tal-frugħa. Wieħed raġel ta' l-armata, mal-isem tiegħu, iżid ukoll il-me-

(1) Kif kien xieraq, il-kittieb ma qalx min kien dan il-midneb; imma billi hu magħruf li Bruno Cornacchiola, li ried joqtol il-Papa Piju XII żar Ġerusalem wara li biddel ħajtu, donnu jagħtik taħseb li kien hu.

dalji li kellu, u l-ġrajjiet li fihom rebaħhom, Taħt kliemu, raġel ieħor kiteb il-kliem tal-Evanġelju: "Itgħallmu minni, għax jien saflieni!" u ieħor kiteb: "Min hu bla ħtija, jixħet l-ewwel ħaġra!"

Ebda wieħed jew waħda miż-żawwara ma kitbu li fil-mawra tagħhom fl-Art Imqaddsa ma sabux dik il-hena tarruħ li ħasbu li sa jsibu. M'hux dan biss, imma għal kemm il-wieħed iż-żjara tal-Imkejjen Imqaddsa kienet tmiem ta' ħajja mxerrda u bidu ta' ħajja tajba. Il-koll juru qima għax-xogħol tar-Rħieb Franġiskani u jfaħħru l-laqgħa li sabu kull imkien tistennihom.

Kieku l-Viskonti Chateaubriand meta mar Ġerusalem(2) qagħad fil-"Casa Nova", kien jikteb fir-reġistru tagħha dak li wara kiteb fil-ktieb tiegħu msemmi "Xerq in-Nofsani" li l-Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa għandhom dejjem u għal kull ħadd: "qalb safja u nadifa!"

Ignazio Mancini

---

(2) Meta l-kbir Chateaubriand żar lil Ġerusalem, kien Kustodju tat-Terra Santa Patri Salv Vassallo, Malti, mir-Rabat. Chateaubriand għamel ħbieb wisq ma' Patri Salv fiż-żmien li għadda Ġerusalem, u kien ġej u sejjer jgħaddi ftit taż-żmien jitħaddet miegħu. Dak iż-żmien il-Provinċja ta' Malta kienet tagħmel ma' ta' Val di Noto, Paliermu; għal hekk Patri Malti kien jista' jsir Kustodju tat-Terra Santa, li jrid ikun dejjem Taljan. Il-lum ma jistax, għax il-Provinċja ta' Malta maqtugħa minn tal-Italja.

(Noti tal-Editur)

---

## IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA

# SAN KONONU MARTRI

## QARIB TA' SIDNA ĠESU' KRISTU

(Fis-sena 1898, wieħed għaref Grieg, jismu Papadopoulos Kherameos, fi ktieb jismu "Analekta Ierosolymitikhe Staxyologiae" xandar il-Passjoni ta' San Kononu, li l-Martirju tiegħu ġara fi żmien Deċju, fis-sena 249, f'Panfilja, fl-Asja ż-Żgħira. Dan il-qaddis sa dak iż-żmien ftit wisq kien magħruf, għal hekk b'din il-kitba żdied xi ftit it-tagħrif li kien tagħa Ewsebju ta' Kajsarija fuq il-Qraba ta' Kristu. U la darba San Kononu kien minn Nazaret u dam ħaj sas-sena 249, ma setax jintesa l-imkien fejn kienet id-dar tal-Madonna. Għal hekk dil-kitba għall-Art Imqaddsa għandha hemma kbira. Il-kitba bil-Malti, hija din li ġejja).

Mulej, Berikna!

1. Ikolli narġa' nikteb fuq id-Din il-ħażin! Wara li nqatlu l-Qaddisin Xhieda ta' Kristu: Papija, Dijodoru u Klawdjanu, is-Sultan daħal fil-belt ta' Magedon u għammar fil-Maqdes ta' Jovis. Hemm ukoll fittex li jħarrek għal ħaqq tiegħu lil dawk li kienu jgħammru f'dik il-belt, u għal dan bagħat lil wieħed widdien iwedden fit-toroq. Dawk li semgħu kliem il-widdien għamlu sewwa li ħarbu mill-belt u ħallew kollox warajhom, biex joqogħdu fil-belt weħedhom is-sultan il-ħażin u dawk li jisimgħu minnu. Imma hu bagħat nies fil-qrib tal-belt biex ifittxu kull imkien u kull dar biex isibu lil xi ħadd. Dawk li bagħat reġgħu ġew u ħabbruh li ħadd ma kien insab, u lanqas fid-djar anqas fir-raba.

2. Imbagħad wieħed raġel jismu Nedoru u ieħor jismu Apelli, li kien rajjes tal-belt, u ieħor jismu Neokoru, li kellu hu wkoll ġewwa fih il-ħażen talallat, talab lis-sultan biex jagħtih il-

jedd li jfittex l-imkejjen fejn kien jaħseb huwa. U raġel ieħor jismu Origeni mar ukoll ma' Neodoru u mal-ħakem u ma xi oħrajn u sabu lill-imbierek Kononu fi ġnien jismu Karem-Ena, waqt li kien isaqqi l-ġnien. Resqu lejn il-qaddis u qalulu: "Is-sliem għalik, Kononu!" U l-qaddej ta' Kristu, ruħ safja, u bla ħjena, weġibhom: "Is-sliem għalikom, uliedi!" Origeni qallu: "Missier, is-Sultan ridek!" U Kononu wieġbu: "Lili x'jambini s-Sultan?

3. Qal Neodoru lil Origeni: "Is-sajda ma kenitx battala, u dak li kien imfittex, insab! Dana għandu jħallas aktar mill-Insara kollha." Ħaduh quddiem is-sultan u Neodoru qallu: "Ja Sidna l-Maħtur! Għat-tieba ta' l-allat, b'amar ta' l-Imperatur u b'xorti kbira tiegħek, insab dak li kien imfittex. Dar-raġel hu mogħti għal qima tal-allat, għall-ħarsien tal-liġijiet ta' Ruma u tal-Imperatur!" U l-qaddis Kononu b'leħen għoli għajjat: "M'hux kif qiegħed



**Nazaret, Palestina. — Fdal mid-Dar Imqaddsa tal-Madonna. Fl-art tidher il-kitba Griega tal-mużajk, li tgħid: Kononos Diakonos Jerosolymon; jiġifieri: Kononu, Djaknu ta' Ġerusalem. Wara l-kitba tidher ir-rokna fejn il-Madonna aktarx kienet iżżomm il-ġarar ta' l-ilma u taż-żejt. Fuq hemm il-post ta' xkaffa, fejn aktarx kienet iżżomm il-ħobż, frott u ħwejjeġ bħal dawn. ***

Jiena għarib, u saħansitra Nisrani. Jekk irid ikellem slaten bħalu saħħa, imma m'hux imsejken ta' bidwi, li jaqla' l-ħobża ta' kull jum bix-xogħol ta' jdejh u l-għaraq ta' xbinu!" Neodoru meta sama' dal-kliem amar li jorbtu lil Kononu maż-żiemel tiegħu u jkarkruh. Il-qaddis xejn ma wieġeb lil dawk li rabtuh, imma baqa' hiedi u bis-sabar mexa wara dawk il-ħżiena.

tgħid int. Jien nemmen f'Sultan Kbir wieħed: Ġesù Kristu!" Origeni qal: "Ja magħżul fost il-emejjer, wara li fittixna l-idwar tal-belt kollha, ma stajna nsibu lil ħadd għajr lil dan ix-xiħ ġewwa ġnien!"

4. Is-Sultan qal lil Martri: "Ja raġel, għidli minn fejn int! Minn liema ġidd nieżel? X'inhu l-isem tiegħek?" U Kononu wieġbu: "Jiena mill-belt ta'

Nazaret, tal-Ġalilija, mill-ġidd ta' Ġesù Kristu, li lilu naghti qima, malġins tiegħi kollu. Lilu nagħraf bħala Alla fuq kull ħadd!" Qallu t-tirann: "Jekk inti tistqarr lil Kristu b'Alla, istqarr ukoll lil allat tagħna. Emmen lili u stqarr l-allat kollha, u qis li m'hux biż-żejjed dak li għandek, imma ħaddan ukoll id-Din l-ieħor il-mixħur u jkollok ġid bix-xaba'. Ma ngħidlekx tidbaħ lill-allat tagħna; xejn minn dan! Ħu biss qarsa trab tal-bħur u qatra nbid u rimja żejtun u għid: "Ja Kbir Jovis, ħares lin-nies tiegħek!" Għid dan biss u ma namarx għalik tagħmel ħaġ'oħra. Isma' minni u itlaq id-Din li għandek. Għal fejn toqgħod temmen li bniedem huwa Alla, li miet maqtul u msallab, kif għarrfuni l-Lhud? Huma qaluli x'kien in-nisel tiegħu, u x'egħmil għamel, u kif miet. Ġebuli saħansitra l-Kotba ta' kliemu u qrawhomli. Itlaq din il-bluha u thenna magħna!

5. Il-Martri Mqaddes għal hekk rafa' għajnejh lejn is-sema, tniehed tnehida u wieġeb hekk lit-tirann: "Ja raġel ħajjen, kemm kien jaqbillek kieku inti wkoll kellek sehem f'din il-bluha, biex ma kontx titlef ruħek int, u ittellef ukoll ruħ l-oħrajn, billi tagħti qima lil ħaġar bla ruħ, xogħol ta' jdejn il-bnedmin, li la jaraw anqas jisimgħu. Kif għandek il-ħila li tmaqdar lil Dak Alla li hu fuq kull ħadd, li f'idejh qegħda l-ħajja tiegħek? Lilna li nistqarru l-isem tiegħu, jingħatalna li nfaħħruh għal dejjem f'sebħu, għax Huwa ħellies ta' kull ħadd!" Għal dan il-kliem it-tirann għadab u qallu: "Ma tridx tismagħni? Jekk ma tridx tisma' minni sa nġiegħlek tisma' mit-torturi li sa nagħtik! Jien nista' nagħtik b'ikel lid-dbejjeb; nista' nixħtek lil ħut tal-baħar; jew insallbek ma' salib, jew nixwik ħaj fuq ħuġġieġa nar, jekk twebbes rasek u ma taħraqx bħur quddiem l-allat tagħna qatt mirbuħa!" Imma l-qaddis Martri wieġbu: "Ja Sultan ħażin, taħseb li b'dan il-kliem tiegħek sa tbeżżagħni u ġġibni għal idejk? Jien minn fuq inwissi lilek li tiftaħ għajnejk, li jewilla l-Imħallef ma jixħetx lilek fin-nar li ma jintefa' qatt fejn is-sriep jibqgħu għal dejjem ta' dejjem igerrmu minnek. Dak li għedt inti lili ma jistax jegħlibni, għax Alla tiegħi jagħtini s-saħħa!"

6. Wara li ftiehem ma' sħabu x'għandu jagħmel, it-tirann qabbad linnies jinfdu bl-imsiemer saqajn il-Qaddis Kononu, u qabbdu jiġri quddiem iż-żiemel tiegħu. Darbtejn tawh isswat imma xejn ma tkellem. Beda jgħanni kliem imqaddes u jgħid: "Nistenna bis-sabar lil Mulejja, għax naf li Hu jisma' t-talb tiegħi, u jdur lejja!" Malli l-imqaddes Kononu qorob lejn issuq, mifni bil-għejja, waqa' għarrkubtejh u beda jitlob hekk: "Rabbi Ġesù Kristu, ilqa' f'idejk ir-ruħ tiegħi, u eħlisni mill-klieb ragħab għal demmi, u tini l-mistrieħ fost il-qaddisin li għamlu r-rieda tiegħek. Hekk ikun ja Alla Sultan ta' dejjem!" U kif qal hekk radd is-salib u ruħu ħarġet u s-Sultan stagħġeb u raġa' dar u mar triqtu. Imma l-imqaddes Kononu kien mogħti bħala dbiha lill-Alla Sultan taż-żmenijiet kollha, li lilu s-sebħ għal dejjem ta' dejjem. Amen.

P. G. Rossi O.F.M.

---

* Magħruf li dal-mużajk sar **qabel** is-sena 427, għax fih ix-xbiehat tas-Salib, u f'dis-sena (427) l-Imperatur Teodosju ż-Żgħir, mena' li jsiru xbiehat tas-Salib fl-art, biex ma jirtifsux. Il-mużajk jinsab fid-dar tal-Madonna u min għamlu kien jismu Kononu, bħall-qaddis li semmejna fuq. L-Evanġelju ta' S. Mark igħid li wieħed mill-Appostli kien **Xmun Kananu** (III, 18). L-Evanġelju tal-Infanzja jgħid li wieħed minn ulied S. Ġużepp kien jismu **Xmun.** Ewsebju jgħid (Hist. Eccl. II, 11, 32) li l-Appostlu **Xmun Kananu** sar Isqof ta' Ġerusalem wara S. Ġakbu "ħu Kristu". Kollox jagħti ħjiel li dan l-isem **Kananu** jew **Kononu** kien miexi fir-razza tal-Madonna u li dak li għamel dak il-mużajk kien sid id-Dar Imqaddsa ta' Nazaret u li did-Dar kienet magħduda bħala post Imbierek sa mill-ewwel żmenijiet tal-Insara.

# IL-MUŻAJK TAL-KALVARJU

Mill-blata Mqaddsa tal-Kalvarju, li fuqha l-Lhud u r-Rumani sallbu lil Ġesù u liż-żewġ ħallelin, il-lum ma fadalx għajr kagħab, jew kubu tal-blat ta' xi ħmistaxer xiber għoli, tul u wisa'. Fuqu sewwa għandhom kappella l-Griegi Ortodossi, u tmiss magħha, imma mhux fuq il-blata, għandhom kappella oħra l-Latini, jiġifieri l-Franġiskani.



Ġerusalem. — L-inkwatru tal-mużajk fl-artal tat-Tislib, fuq il-Kalvarju.

Il-ħitan u s-saqaf taż-żewġ kappelli, fi żmien is-Salibin kienu miksija bil-mużajk. Imma fiż-żmien li Ġerusalemm kienet f'idejn il-Misilmin, dal-mużajk beda bil-ftit il-ftit jaqa. Għax il-mużajk ikun xbihat u titriż, jiġifieri disinji, magħmula m'hux biż-żebgħa, imma minn frak tar-rħam imżewwaq, imwaħħal fis-saqaf jew fil-ħitan, li biż-żmien u bl-indewwa jerħi, jekk ma jiħdux ħsiebu. Minn dan il-mużajk, fis-sena 1808, meta nħarqet il-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, ftit kien baqa'.

Wara l-ħruq, il-Griegi talbu lis-Sultan ta' Kostantinopli biex il-Bażilka jsewwuha huma. Il-Franġiskani dak iż-żmien ma kellhomx flus, għax l-Ewropa kienet ftaqret bil-ħrieb jew gwerer ta' Napuljun. Għal hekk il-Griegi l-Bażilka sewwewha, jew aħjar, ħassruha, kif dehrilhom u kif qablilhom. Minn fuq il-Kalvarju neħħew il-fdal tal-mużajk li kien baqa', l-aktar fejn kien hemm xi kitba bil-Latin, u minnu kollu ma ħallewx għajr ix-xbiha mdaħħna tas-Salvatur, f'nofs is-saqaf.

Imma għoxrin sena ilu, jiġifieri fis-sena 1938, il-Franġiskani, wara ħafna talb u tħannin, qalgħu li jerġgħu jiksu bil-mużajk il-ħitan u s-saqaf tal-kap-



Ġerusalem. — Is-saqaf tal-kappella tal-Kalvarju.
Xbieha tal-mużajk tal-erba' Profeti bil-kliem tagħhom miktub f'idejhom.

pella tagħhom ta' fuq il-Kalvarju u jagħmlu wkoll xi tiswijiet oħrajn.

**L-Artal tad-Duluri** — Il-Franġiskani, mela, ġewwa l-ħajt bejn il-kappella tagħhom u tal-Griegi kellhom niċċa b'mezzu-bust sabiħ u milqut, tal-Madonna tad-Duluri, xogħol ta' naqqax Portugiż. Dil-Madonna għal kotra ta' grazzi li jaqilgħu bit-talb quddiemha, il-Għarab, Insara u Misilmin, laqqmuha l-Omm tal-Għeġubijiet. Quddiemha kien hemm artal żgħir, u kien jingħad li dak l-artal kien wieqaf fuq il-blat tal-Kalvarju. Għal hekk il-Franġiskani l-ewwel ma għamlu biddlu dak l-artal u waqqfuh fuq kolonna qasira u l-biċċa tal-blat tal-Kalvarju li dehret għattewh biż-żġieġ biex in-nies jarawha imma le jmissuha. Il-bust tad-Duluri ħallewh fin-niċċa, u l-ħajt fuq in-niċċa ksewh b'mużajk ġdid sabiħ.

**L-Artal tat-Tislib** — Fil-kappella tal-Franġiskani, fil-faċċata hemm artal kbir. Fuqu kien hemm xbieha tat-tila, imdaħħna u msewwda, li fiha ma kienx jidher ħlief, ftit kemm jingħaraf, Ġesù mimdud fuq is-salib. Din it-tila l-Franġiskani qalgħuha, naddfuha biex jaraw x'kien fiha sewwa, u għamlu f' imkienha xbieha bħalha sewwa tal-mużajk. Ix-xbieha fiha: Ġesù mimdud fuq is-salib, u sallab isammarlu idu x-xellugija; il-Madonna bil-wieqfa tħares, u l-Madaliena għarkubtejha f' riġlejn Ġesù. Fil-ħajt tal-ġenb, qrib l-artal, xbieha oħra tal-mużajk ukoll tu-



**Ġerusalem. — In-nisa tal-Galilija, sħab il-Madonna. Inkwatru tal-mużajk fil-ħajt tal-kappella fuq il-Kalvarju.**

ri n-nisa tal-Galilija li kienu telgħu Ġerusalem ma' Ġesù. U aktar 'il barra, xbieha ta' Abraham sa joqtol lil ibnu Iżhak u l-Anġlu jżommlu s-sikkina. Id-disinn ta' dal-mużajk għamlu l-pittur Taljan Luigi Trifoglio, u ħadmuh




**Ġerusalem. — L-Anġlu jżomm id Abraham biex ma jidbaħx lil ibnu Iżhak. Inkwatru tal-mużajk fil-kappella tal-Kalvarju.**



Ġerusalem. — Dehra tal-kappella tal-Franġiskani fuq il-Kalvarju, bix-xogħol tal-mużajk fil-ħitan u s-saqaf, u quddiem, jidher l-artal tat-Tislib.

il-ħaddiema tad-Ditta Monticelli ta' Ruma. Fuq l-artal, fis-saqaf hemm xbieha tas-salib u ma' dwaru tnaxer ħamiema li jfissru Ġesù Kristu mdawwar bit-tnax l-Appostlu.

**Tifkiriet tal-Passjoni** — F'dal mużajk li jżejjen il-kappella hemm ħafna tifkiriet tal-Passjoni, sewwa bit-tixbih —bħad-debħa ta' Iżhak — u sewwa b' tismijiet mill-Kotba tal-Għaqda l-Qadima. Hekk, hemm ix-xbiehat ta' Danjel, Iżajija, David, u Żakarija, kull wieħed iżomm karta f'idu, bil-kliem li kiteb hu fuq il-Passjoni ta' Kristu. Kliem ta' Danjel: "U wara tnejn u sebgħin ġimgħa jinqatel Kristu". Ta' Iżajija: "Indebaħ għax ried Hu, u ma fetaħx fommu". Ta' David: "Nifdu idejja u riġlejja"; u ta' Żakkarija: "U qagħdu jħarsu lejja wara li nifduni."

Hekk, mela, il-kappella tal-Franġiskani li tmiss mal-Blata Mqaddsa tal-Kalvarju, tfakkar lil min iżurha, bix-xbihat u bil-kitba, fil-ġrajja ta' niket u ħasra li minnha għadda Sidna Ġesù Kristu, hemm fuq il-Kalvarju, ħtija ta' dnubietna.

Fra Elija O.F.M.

# IL-GĦAMJA TA' NAZARET

Nazaret kienet raħal żgħir, qisha xi raħal minn dawk iż-żgħar li hemm Għawdex, magħmul minn ftit għorof mibnija 'l hawn u 'l hemm qalb il-għelieqi. F'għalqa minnhom kien hemm naqra ta' dar minn dawn, mirfuda ma' ħanek tal-blat. Il-ħajt tas-sejjieħ ta' quddiemha kien magħluq b'xatba żgħira. Kienet id-dar ta' Jusef in-Naġġar, li kien minn Betlehem, imma ġie joqgħod hawn ilu kemm il-sena. Kellu l-mara jisimha Mirjam, u tifel wieħed, żgħir, jismu Jesugħ.

Kien jum tal-Ħarifa, ftit qabel nofs inhar. Ix-xatba stemgħet tinfetaħ u stama' leħen ta' tifel żgħir igħajjat; "Ma!... J'ommi!" Kien Jesugħ, it-tifel ta' Mirjam u Jusef, ta' xi disa' snin. Kien irqajjaq u bajdani, ħafi u xagħru twil. Mirjam, mara żagħżugħa ta' ftit fuq il-għoxrin sena, xirfet minn bieb il-għorfa u qaltlu: "Hawn jien. Xi trid?"

"Qallek abuwi (jiġifieri missieri) agħtini dawk l-imsiemer li hemm fuq il-farxa!"

Mirjam daħlet ġewwa u t-tifel daħal warajha. "Fuq il-farxa ma hawnx imsiemer," qaltlu. "Ara humiex fuq il-farxa l-oħra", raġa' t-tifel; "hemm, ġewwa dik il-bieqja l-kbira!"

Mirjam meddet idha u tnewlet il-bieqja minn fuq il-farxa u ħarset ġewwa fiha. "Iwa, hawn qegħdin. Ħudhom," qalet lit-tifel. Imbagħad daħħlet idha ġewwa ġewlaq li kien imdendel mal-ħajt u ħarġet minnu lanġasa kbira. "Ħa din ukoll," qalet lit-tifel. "Kulha!"

It-tifel ħa l-lanġasa, għorokha ma' ħaddejh u qal: "Subħan 'l Alla!" Imbagħad ħareġ barra u raġa' ġie b'x'erba' werqiet tal-ġewż minn siġra li kienet hemm ħada l-għorfa. Qegħedhom fuq l-imsiemer ġewwa l-bieqja u qiegħed fuqhom il-lanġasa. "Mela m'intix sa tekolha?" saqsietu ommu.

"Sa neħodha miegħi u nagħti nofsha lil abuwi", qalilha t-tifel. Mirjam reġgħet fetħet il-ġewlaq u ħarġet minnu lanġasa oħra. "Ħa din ukoll; agħtiha lill-abuk", qaltlu. Imma t-tifel qegħdha ġewwa l-bieqja fuq il-weraq, ma' ġenb l-oħra. "M'intix sa tekolha l-lanġasa? reġgħet saqsietu ommu.

"M'hux issa; x'ħin immur. Għax jekk nekolha issa, naf x'jagħmel abuwi. Jekk ma jaranix niekol lili wkoll, jagħtini l-lanġasa tiegħu. Jien ma rridx niekol lanġastejn u hu ma jiekol xejn!"

"Fejn sejra, ma?" saqsa t-tifel, kif raha tixħet l-ażar (bħal ħarqa kbira bajda) fuq rasha.

"Sejra għand Raħla, dik il-mara l-għamja li toqgħod hawn wara. Sa nagħtiha x-xalla tas-suf li kont tarani naħdmilha."

"Ħa' niġi miegħek, ma!" talabha t-tifel.

"M'intix sejjer għand abuk bl-imsiemer?" qaltlu.

"Ma hux mgħaġġel għalihom. Issa niġi miegħek u mbagħad nibqa' sejjer!"

Mirjam u binha ħarġu x-xatba u lwew 'il fuq fejn kienet toqgħod Raħla. Il-bieb tal-għorfa tagħha kien miftuħ, u Mirjam u t-tifel waqfu barra jħarsu lejha qabel ma daħlu. Mirjam tbaxxiet, qegħdet xuftejha ma' widnet binha u qaltlu minn taħt ilsien: "Miskina! Ma tarax. Kieku jaħasra tfieq!"

"Ħa mmur nara," wieġeb it-tifel u newwel 'l ommu l-bieqja tal-imsiemer, biex iżżommhielu ftit. Daħal fil-għorfa ta' Raħla fuq rjus subgħajh. Hi kienet bil-qegħda saqajha taħtha fuq donnu bank baxx u wiesa'. It-tifel tbaxxa quddiemha u qiegħed idejh fuq ir-rkubtejh, iħarsilha lejn wiċċha. Hi donnha ħasset li kien hemm xi ħadd qribha, għax bdiet iddawwar wiċċha 'l hawn u 'l hemm, u t-tifel idawwar ħarstu magħha. Wara ftit qam u dar. Ħares lejn ommu, rafa' rasu 'l fuq u qiegħed sebgħu taħt ilħitu, donnu qiegħed ifarfar xi ħaġa, jiġifieri "le". Resaq lejha u hi tbaxxiet, u qalilha f'widnitha: "Ma tistax".

"Għaliex ma tistax?" reġgħet ommu. "Agħtiha x-xalla; issa ngħidlek x'ħin immorru," weġibha t-tifel.

Mirjam daħlet fil-għorfa u resqet lejn il-għamja u qaltilha: "Raħla, ġibtlek ix-xalla li kont wegħedtek. Hawn hi ħudha!" Il-għamja ħadet ix-xalla, għafsitha f'idejha u "Niżżik ħajr!" qaltilha. "Alla jħennik, Mirjam!" "Alla jsabbrek!" weġbitha Mirjam u ħarġet 'il barra. "Issa għidli għala ma tistax tfieq" saqsiet Mirjam lil binha kif imxew ftit.

It-tifel waqaf u ħares 'il fuq, lejn ommu. "Għax biex xi ħadd ifiq," weġibha, "ma hix biżżejjed il-qawwa minnaħa waħda. Irid ikun hemm il-qaw-

wa minn żewġ naħat. Min ifiq irid ikun għamel xi ħaġa tal-ġid f'għomru, jew tal-anqas, bi ħsiebu jagħmel għalli ġej, biex il-ħniena t'Alla jkollha fuq iex taqbad. Din qatt ma għamlet ġid f-għomorha, għax fuq wiċċha ma hemmx egħliem, u anqas ma bi ħsiebha tagħmel. Hekk, għamja kif inhi, ma tagħmelx ħsara, għax ma tistax. Jekk tfiq, tarġa' tagħmel. Mela ma jaqbilx tfiq!"

"Ah, iwa!" qalet Mirjam. "Sewwa, sewwa! Qegħda nifhmek tajjeb. Le, taş-sew, ma jaqbilx!"

Dak il-ħin kienu waslu quddiem il-ħajt baxx tal-għalqa tagħhom. Jesugħ tbaxxa u bla kliem, bies id ommu, kif kienet imdendla ma' ġenbha. Qabeż il-ħajt tal-għalqa bil-bieqja tal-imsiemer f'idu u l-lanġasiet u baqa' sejjer fejn kien jaħdem Jusef.

Ġuża.

# NAQRA TA' MUŻEW

*(Jorbot mal-ħarġa ta' qabel, faċċata 51)*

Il-ħaġa l-oħra, għedt li hi bħal sfinġa tal-ħaġar. Il-ħaqq hu li ma nafx infisser sew kif inhija. Hi bħal għoqda tal-ħaġar, tixbah lil patata mdaqqsa, mkemmxa, jew xi għanqud għeneb żgħir, marsus. Hija tal-qawwi u fiha l-għerq fejn kienet imqabbda. U f'iex tfakkarni dil-ħaġra? Tfakkarni fi ġrajja tal-biża' u ta' tiġrib.

F'Settembru tas-sena 1929 saret ġlieda oħra, akbar minn ta' qabel, bejn il-Għarab u l-Lhud. Minn l-iskola tal-Biedja, qalb ir-raba, fejn kont dak iż-żmien, kull lejla konna naraw xi raħal tal-Lhud jinħaraq. Konna hemmhekk weħedna, nistennew minn lejl għal iehor li jiġu l-Għarab mill-bgħid, jaħsbuna Lhud u jaħbtu għalina.

Il-agħar kien meta l-Għarab ħabtu għal raħal tal-Lhud jismu Kafr-Urja li kien ma' ġenbna sewwa. L-iskola hi fuq għolja żgħira u fix-Xmiel tagħha hemm wied igħidulu Wadi Surik. Fix-xaqliba tal-għolja l-oħra, 'il hemm mill-wied, kienet Kafr-Urja. Darba f'xi l-għaxra ta' bil-lejl, meta kulħadd fl-iskola kien rieqed, ftit bgħid nisma' tiri ta' revolvrijiet u għajjat. Xrift inħares mit-tieqa: Kafr-Urja kienet ħuġġieġa waħda. Ilsna tan-nar jogħlew; xrar itir; duħħan jinbaram, tiela' sassema. Sparar, u għajjat ta' nies. Ma' kull tir li nisma' kont ngħid f'qalbi: "Min jaf b'dat-tir inqatelx xi bniedem?" Żolt mit-tieqa u tlajt fuq il-bejt u bqajt hemm il-lejl kollu biex nagħti n-nafra jekk naħsel nara xi għajn ħażina.

Wara smajna li f'ħejjet Alla f'Kafr-Urja ma kien miet ħadd, għax il-Lhud li kienu fiha laħqu ħarbu.

Żmien wara l-ġlieda birdet. U kif konna nduru darba waħda, morna naraw kif sefgħet Kafr-Urja. Kull imkien irmied u ġmied. Sodod u għamara mkissra, kotba mqattgħa, u qatigħ bolli ta' l-ittri imxerrdin fl-art. Il-Għarab kienu ħarqu jew kissru dak li ma ħadux. Il-ħamiem tal-Lhud kien għadu hemm, jittajjar. U l-kelba tagħhom, bajda bit-tbajja suwed, kienet għadha hemm ukoll. Għajjatnielha biex tiġi magħna, imma beżgħet, u ħarbet il-bgħid. Hemm ukoll rajt ħaġa li stagħġibt biha u bqajt inżommha f'rasi s'issa: zkuk tas-siġar, nexfin qoxqox, imwaħħla fl-art, u magħhom marbut il-"barbed wire", u għad li nexfin dak l-inxief kollu, mill-egħkiesi tagħhom kien ħiereġ għoqod ta' weraq żgħir.

Dak inhar minn hemm ġbart din il-ħaġra u għadha għandi sal-lum, u tibqa' **għandi minn jaf sa meta.**

Naqra bgħid mill-iskola tal-Biedja kien hemm raħal żgħir tal-Għarab, ismu Rafat. Id-djar tiegħu grieni mibnija bil-mazkan tal-wied u mkaħħla bil-ħamrija. Is-saqaf zkuk tas-siġar, fuqhom ħatab tal-ful u fuq dan tafal magħġun bit-tiben, magħmul koppla biex fix-xitwa l-ilma tax-xita jibqa' nieżel u ma jidlefx. Hemm kont ġej u sejjer għax ir-rġiel ta' hemm kienu kollha ħbieb tiegħi, u dejjem ikun hemm minnhom barra u noqgħod nitħaddet net safja bħal-oħra u ma fiha xejn. Saqsejtu kienx għamlilha xi duwa u qalli li le. Saqsejtu kienx mar l-isptar u qalli le wkoll. M'emmintx għal kollox. Għalhekk ftit wara, meta ltqajt ma' missieru saqsejtu kif kienet fieqet għajn ibnu. Qalli li għajr iż-żibġa l-ħamra ma kien għamillu xejn.

Issa jien ma nafx. Il-Ħaġġ ma ħux raġel li jgħid kelma b'oħra, għax jien nafu sewwa. Għalhekk rajtha ħaġa tal-għaġeb kif b'żibġa ħamra tperper



**Palestina. — L-iskola tal-Biedja, li minn fuq il-bejt tagħha Elsie qagħad jara lil Kafr-Urja tinħaraq, u jisma' l-għajjat tal-Għarab u t-tiri tar-revolvrijiet, fil-ħabta tal-Għarab għal-Lhud f'Settembru 1929. Ritratt meħud mill-kittieb.**

magħhom, bil-qiegħda fuq il-blat.

Fosthom kien hemm raġel jgħidulu l-Ħaġġ. Darba kellu miegħu lil ibnu, tifel ta' xi għaxar snin. It-tifel kellu żibġa ħamra mdendla b'ħajta mat-tarbux, tperper quddiem għajnejh.

"Għalfejn dik iż-żibġa?" saqsejt lil missieru. "Biex tfieqlu għajnu, għax tuġgħu," weġibni. U tassew: f'għajn il-leminija tas-sabi kien hemm żewġ panniet; bħal bżieżaq bojod, żgħar.

"Ara b'iex jemmnu, jaħasra!" għedt f'qalbi, u għaddiet.

Ftit jiem wara rġajt rajt is-sabi uż-żibġa ma kenitx hemm. Għajjattlu. "Feqitlek għajnek?" saqsejtu. "Iwa", weġibni. U ta' bil-ħaqq: għajnu kienet imorru l-panni mill-għajnejn. Din iż-żibġa kont rajtha wkoll it-Transġordanja imma dak ma kellux panni. kellu għajnu ħamra biss. Riħ fil-għajnejn imur biż-żibġa u bla żibġa. Imma l-panni xorta oħra, u kif marru biż-żibġa l-ħamra ma nifhimhiex.

Għalhekk wara dabbart żibġa ħamra u żammejtha għandi biex dil-ħaġa ma ninsihiex.

* * *

Fi żmien dik il-ġlieda li għadni kemm semmejt, daħal il-Palestina bastiment ta' l-ajruplani. Kien il-"Glorious" jekk niftakar sewwa. L-ajruplani tiegħu nġiebu fil-mitjar ta' Ramle u minn hemm kienu jittajru u jiġb-

du bil-"machine-gun" fuq il-Għarab kull meta jarawhom sa jaħbtu għal xi mkien.

Darba wara nofs inhar, naraw ajruplan minn dawna nieżel ġewwa għalqa, ftit bgħid mill-iskola tagħna. Għalhekk id-direttur ta' l-iskola qabbad lil Aħmed Abu-Ħaġar, id-"driver" biex joħroġ it-trakk. Nirkbu fuqu erba' min-nies — żewġ qassisin u żagħżugħ mekkaniku, Taljani t-tlieta, u jien — u erħilu lil Aħmed isuq u jġerri u jtajjar it-trab. Kif wasalna saqsejna lill-"pilot" jekk stajniex ngħinuh f'xi ħaġa. Qalilna li f'Ramle kienu jafu bih u sa jibagħtulu l-meħtieġ minn hemm. Imma aħna qagħdna miegħu biex ma nħalluhx waħdu fil-barr.

Ġie ajruplan ieħor wara ħafna u tafa' ittra lill-"pilot". Dan wiċċu tbergħen għax kien qorob biex jidlam u fl-ittra qalulu li kellu jgħaddi l-lejl hemmhekk. Għalhekk il-qassisin u Aħmed rikbu u l-mekkaniku magħhom, u saqu lejn l-iskola u jiena bqajt mal-"pilot" biex inwennsu ftit. Kienu marru jġibulna l-ikel u xi ħaġa fejn il-fizzjal jista' jistrieħ.

Wieħed mill-qassisin u Aħmed reġgħu ġew bit-trakk u ġebulna l-ikel. Għaddejna l-lejl bejn l-iġbla, ġewwa għalqa, f'wilġa mill-wileġ ta' Wied is-Sarar. F'xi t-tlieta ta' fil-għodu rajna fjamma ħadra tixgħel fis-sema li mliet bid-dija kull imkien.

Qajjimna l-"pilot". Tala' ġewwa l-ajruplan, ġieb pistola b'kanna ħoxna, daħħal fil-kanna skartoċċ kbir u ġibed għall-ajru. Fl-ajru iswed infetħet fjamma donnha xemx u l-iġbla u l-wied bil-mazkan u x-xewk u l-ħaxix li fih dehru ċari daqs kieku kien bi nhar.

Fjamma oħra, bajda min-naħa l-oħra u fjamma oħra min-naħa tagħna. Dehret ġejja karrozza mill-wilġa l-oħra tal-wied u waslu s-suldati biex isewwu l-ajruplan. Wara kaptan Philips, il-"pilot", tana ż-żewġ skrataċ b'tifkira; tal-faxx abjad lili u tal-faxx aħdar lill-qassis.

*   *   *

Issa baqa' insemmi s-sinna u biżżejjed.

Waħda mara mit-Transġordanja, minn raħal ismu Xatna, kienet ġiebet tifel ta' xi sitt snin f'din l-iskola ta' Rafat. Kien irqajjaq u wiċċu ħamrani. Għall-ewwel jumejn beka, imma mbagħad dara mieta ra li kulħadd iħobbu u jżiegħel bih. Ismu bil-Għarbi kien Neġib imma jiena għal ħeffa kont semmejtu Nonny.



**Palestina. — It-tifel iż-żgħir huwa Nonny issa mejjet, li jissemma fl-aħħar ta' din il-kitba. Iż-żagħżugħ hu Gamil Mexxini, mis-Salt, Transġordanja, li kien jaħdem fl-iskola wkoll.**

Lejla waħda fis-sajf konna bħal ma dari, barra ħdejn il-bieb ta' l-iskola taħt bozza kbira ta' l-elettriku. Don Ġwakkin Garbayo, qassis Spanjol,

kien igiħd l-istejjer u t-tfal uħud bil-qiegħda jisimgħu u oħrajn jiġru u jil-agħbu. Jiena kont nisma' wkoll u nħares lejn il-friefet u ż-żnażan u l-ġi-rati jduru mal-bozza, iridu jidħlu ġew-wa fiha u ma jistgħux. Ġie ħdejja Nonny u qalli: "Mgħallmi, fi sinne titgangal."

"Tridx naqlagħhielek?" saqsejtu.

"Iwa", weġibni.

Għalhekk daħħalt żewġt iswaba f' ħalqu u għafast is-sinna 'l ġewwa. Im-bagħad 'il barra, imbagħad ġbidtha u nqalgħet kemm ili ngħid. "Hawn hi!" għedt lil Nonny kif urejtu s-sinna. Ħsibt li kien sejjer jibki imma ma be-kiex. Beżaq il-ftit tad-demm li ħareġ minn ħalqu u ħares lejja jidħak. "Bra-vu Nonny! Ma bkejtx. Bravu ta' bil-ħaqq!" għedtlu jien.

Kemm feraħ Nonny dik il-lejla għax faħħartu quddiem sħabu u quddiem il-qassis! Kemm jifirħu meta xi ħadd ifaħħarhom it-tfal iż-żgħar!

Dik is-sinna li qlajt lil Nonny żam-mejtha tifkira u għadha għandi fil-Mużew; imma Nonny, jaħasra, ma għadux fid-dinja. Nonny miet l-isko-la, xi ħames snin wara li tlaqt minn hemm jien. Jiġifieri kellu ftit fuq il-ħdax-il sena.

Fuq naqra ta' għoqba ħawlija, jgħidulha l-Ħardona, ġewwa ħofra, hemm il-fdal ta' ġisem ta' tifel li min-nu kienet tagħmel sehem din is-sinna, bajda u żgħira, li għandi fil-kaxxa. Fuq il-qabar tiegħu ma jfewwaħx ward u susan, imma jniggeż xewk u sagħ-tar. Ma jittajrux ħamiem u għasafar, imma jitkaxkru wiżagħ u sriep. Ma hemmx kitba biex tagħrraf ismu, im-ma dawra mazkan kemm turi li hemm qabar.

Imma, Nonny, Nonny, inti ma intix minsi għal kollox. Fid-dinja għad ba-qa' min iħobbok. Kieku tista' tqum ftit minn dak il-qabar! Kieku tista' tħares ftit lejn dak il-faxx iżraq li jid-her kemm-kemm in-naħa ta' fejn tgħib ix-xemx, mill-għolja ta' fejn int qie-għed! Hemm, il-bgħid il-bgħid f'nofs dak il-baħar hemm gżira isimha Malta; u f'din il-gżira hemm raġel xiħ, xagħ-ru abjad, bla snien u wiċċu mkemmex, imma qalbu tagħder. Qiegħed qud-diem mejda, għajnejh imdemmgħa, jaħseb fik u jikteb fuqek. U quddie-mu għandu l-itratt tiegħek u naqra ta' sinna li ġibidlek minn ħalqek huwa, tmienja u għoxrin sena ilu.

* * *

Dawn huma l-ħsebijiet u ħjelijiet li jġibuli quddiem għajnejja meta nkun waħdi u naqbad narahom, dawn l-in-tietef li għandi f'dan in-naqra ta' Mu-żew.

ELSIE

---

## IX-XMARA TAL-ĠURDAN

Ix-xmara tal-Ġurdan imnissla mit-tidwib tas-silġ li hemm is-sena kollha fuq Ġebel ix-Xiħ, jew Monti Hermon. L-ilma ta' das-silġ jidħol fil-blat imba-għad joħroġ fi tliet għejjun, l-akbar minnhom hi l-għajn ta' Banija, li qegħda 329 metru ogħla mill-baħar Mediterran.

Il-Ġurdan igħaddi mill-għadira l-Hule u mbagħad mill-Baħar ta' Tabrija, li joħroġ minnu f'naħa baxxa 212-il metru aktar minn wiċċ il-Mediterran. Il-Ġurdan minn hemm 'l isfel, jinżel b'saħħa kbira, u jagħmel ħafna dawrien, li b'hekk it-tul tiegħu jsir qrib tliet darbiet aktar milli kieku jimxi dritt. Fl-aħħar jixteħet fil-Baħar Mejjet, li hu 392 metru taħt wiċċ il-baħar Mediterran. Jin-għad li l-ilma li l-Ġurdan jixħet fil-Baħar Mejjet, hu sitt miljuni metri kubi ilma kuljum.

# IL-MISILMIN U L-MADONNA

It-tbaxxira li baxxret il-Madonna fid-dar ta' Zakkarija, f'Għajn Karem: "L-insla kollha għad isejħuli Mbierka", kellha sseħħ m'hux biss fost l-Insara, fl-Imqades ta' Spanja, Franza, Portugall, l-Italja u l-Messku, imma wkoll fost dawk li b'biża' kbir, jagħtu qima sħiħa lill-Uħidija t'Alla; jiġifieri l-Misilmin. Id-Din tagħhom, għal kemm ma jagħtix tagħrif sħiħ fuq Ġesù, jgħolli wisq lill-Madonna. Fost in-nisel ta' Abraham, il-Misilmin weħedhom għarfu u stqarru l-Verġnità ta' Marija. Fl-Art Imqaddsa, li kienet imwegħda lin-nisel ta' Abraham, ulied Iżħak, jiġifieri l-Lhud, ma riedux jagħirfu lill-Madonna, imma wlied Ismael, jiġifieri l-Għarab, stqarru l-Verġnità tagħha.

Wieħed Franġiskan, Patri Għabd il-Galil, O.F.M., f'Pariġi, fis-sena 1950, xandar xogħol ta' reqqa fi ktieb bil-Franċiż jismu: "Marie Et l'Islam", li fih isemmi l-passi tal-Quran(1) u aktar, il-fissiera tal-Quran, li jitħaddtu fuq il-ġiħ kbir u l-qdusija tal-Madonna. Kitba oħra fuq Marija u l-Islam dehret ukoll fi Spanja, fl-Italja u f'pajjiżi oħra. Minn dawn l-istudji sa niġbru xi ħaġa hawn fil-qosor, fuq dak li jemmnu l-Misilmin fuq il-Madonna.

Fuq in-nisel tal-Madonna u t-twelid tagħha l-Quran jaqbel mal-għidut il-qadim li ommha kienet mara xiħa, ħawlija u mnikkta: il-mara ta' Imran (San Ġwakkin). Qabel ma twieldet il-Madonna, ommha qalet dit-talba lill-Alla: "Ja Mulej, jiena nagħtik dak li għandi f'ġufi. Ilqgħu u thenna bih!" U meta ġiebet fid-dinja tifla, bħalli kieku mistħija għax kienet tistenna tifel, qalet: "Ja Mulej, jiena ġibt fid-dinja bint; u nħalliha fil-ħarsien tiegħek, biex ma jaħkimha x-xitan!"

Bir-rieda t'Alla, meta twieldet il-Madonna niżel mis-sema star bejna u bejn ix-xitan. Alla tagħha lill-Madonna li tkun safja minn kull tebgħa, sewwa f'ruħha kemm f'ġisimha, hekk li kienet imħejjija u mistħoqqa li tilqa' l-milja tar-Ruħ l-Imqaddsa.

Meta twieled Ġesù, ix-xitan anqas biss kien jaf li ġie fid-dinja(2). Imma dak inhar li twieled, il-qaddejja tax-xitan sabu l-idli kollha maqlubin rashom 'l isfel, għal hekk ix-xitan mar ifittex lil Ġesù u fl-aħħar sabu. Ried kieku jagħmillu l-ħsara, imma l-Anġli daru ma' Ġesù tarbija u għamlu bħal sur li ħadd ma jista' jgħaddi minnu. Rashom kienet ogħla mis-sema, u saqajhom kienu mgħaddsa fl-egħmiq tal-baħar. U l-għadd tagħhom kien hekk kbir, li għal kemm ix-xitan ġarrab u raġa' ġarrab minn kull naħa, qatt ma seħħlu li jgħaddi minn nofshom.(2)

Sant'Anna ħabbret l-isem ta' bintha b'dal-kliem: "Jien tajtha l-isem ta' Marija." L-aħjar fissiera tal-Quran jgħidu li dan hu isem Lhudi, li jfisser: "It-twajba, jew il-qaddisa, jew il-qaddejja; qisu għandu x'jaqsam mal-kliem li qalet hija lill-Anġlu: "Hawn jiena, qaddejja tal-Mulej (Ecce ancilla Domini)". Dan l-isem għall-Misilmin huwa isem ta' Għażla, għax Mirjam tassew kellha taqdi 'l Alla fil-Hakel jew *Tempju.*

Kif jgħidu xi fissiera tal-Quran, Zakkarija kien li ħa ħsieb ta' Mirjam meta kienet tarbija, u hu ħadha fil-Hakel sa minn meta twieldet, u għalaqha ġewwa maqdes li kien bena hu n-nifsu, li kien jinqafel b'sebat ibwieb. Xi kittieba Misilmin jgħidu li l-Madonna tarbija kellha l-imreddgħa, waqt li oħrajn jgħidu li ma kellhiex ħtieġ li ħadd ireddagħha, għax kienet tgħix b'għi-

xien tas-sema, u kienet titħaddet saħansitra mill-fisqija(2).

Kif hemm miktub fil-Quran (Sura III, v. 37) (3), il-Mulej qal lil Żakkarija: "Iftakar meta l-Anġli qalu lil Marija: 'Ja Marija, Alla għażlek u għamlek safja fost in-nisa kollha tad-dinja' ". "Iftakar meta l-Anġli qalu lil Marija: 'Ja Marija, Alla ħabbrek bil-Kelma tiegħu, li l-Isem tiegħu jkun il-Messija, Iben kbir f'did-dinja u fl-oħra. Wieħed mill-aktar qrib lejn Alla. Hu jitkellem mal-bnedmin meta jkun għadu fil-benniena, u meta jsir raġel, ikun wieħed mit-tajbin' ".

Meta darba fil-Palestina waqa' ġuħ kbir, Żakkarija ma satax aktar jieħu ħsieb ta' Marija. Kien jeħtieġ li xi ħadd ieħor qarib tagħha jieħu ħsiebha. Tellgħu x-xorti u x-xorti messet lil wieħed naġġar jismu Ġuraji (San Ġużepp) li kien ukoll Raħeb, u kien jaħdem ix-xogħol tiegħu biex jgħajjex lil Marija. Għad li dana ma kienx ta' ħila kbira fix-xogħol, ix-xogħol tiegħu beda jiżdied u jitjieb waħdu, li huwa n-nifsu kien jibqa' mistgħġeb. L-Anġli kienu jġibu lil Marija ikel tas-sema. L-ikel kien ikun frott tas-sajf fix-xitwa, u frott tax-xitwa fis-sajf(2).

Ix-xogħol ta' Marija fil-Ħakel kien li tnaddfu u tirqmu, imma fuq kollox li taħdar għat-tislija, kif Alla kien amar għaliha (Sura III, v. 38): "Ja Marija, kun qaddejja tal-Mulej, baxxi rasek, u mil ma' dawk li jmilu quddiemu!"(4).

Hemm Misilmin li jgħidu li San Ġużepp (Ġuraji) kien ulied l-aħwa ma' Marija, u kien iseħibha fit-tislija u fil-qadi tal-Ħakel. Meta darba l-ilma kien inqata', huma marrew flimkien iġibu l-ilma minn għajn li kienet ġewwa għar. Meta Marija nisslet, Ġużeppi n-naġġar kien magħha. Kienu mexjin fit-triq qrib il-għolja ta' Sijon. Ġużeppi meta ntebaħ kif kienet Marija, tnikket wisq u sewwed qalbu. Ma kienx jaf kif qatt sata' jsir dan; billi kien jaf kemm kienet safja u qaddisa, ma satax ikun li jaħseb ħażin fiha. Imma meta għaraf u fehem li Marija nisslet bis-saħħa tar-Ruħ l-Imqaddsa, hu tagħa ruħu biex itemm waħdu, fil-Ħakel, ix-xogħol tiegħu u tagħha(2).

Meta qorbot għal ħlas, Marija ħarbet weħedha, u qagħdet qrib ta' zokk ta' siġra tat-tamar. Stama' leħen minn taħt l-art u qalilha: "Il-Mulej fetaħ għajn tal-ilma ma' ġenb saqajk. Heżżeż is-siġra tat-tamar, u tara kif tixħetlek f'ħoġrok tamar misjur. Kul minn dat-tamar u ixrob minn dan l-ilma, u qalbek titqawwa!"

Marija marret għand qrabatha bit-tifel fuq driegħha, u qrabatha qalulha: "Ja Marija, għamilt għamil għarib!" Hija għal dal-kliem uriethom b'idha lit-tifel, biex ikellmu lilu. Għal hekk huma qalulha: "Kif jista' jkun li nkellmu tifel fil-fisqija?" Imma t-tifel tkellem u qalilhom: "Jiena hu l-qaddej ta' Alla; huwa tani l-Ktieb u għamilni profeta. Ġiegħlni li nkun imbierek kull fejn ninsab; ġiegħlni wkoll li nkun ta' qalb tajba m'ommi, u s-sliema tkun fuqi fil-jum li twelidt u fil-jum li nqum mill-ġdid għal ħajja!"(2)

Kif jemmnu ħafna Misilmin, Marija ġiebet lil Ġesù fid-dinja minn sidirha, min-naħa ta' qalbha. Il-miġja tas-Saħorin u l-qtil tat-trabi minn Erodi ma' jissemmewx fil-Quran. Jingħad li Marija għexet ħajja ta' faqar ġewwa l-Masar (Eġittu) li saħansitra drabi kienet tmur tiġma ż-żbul minn wara l-ħassada. Hi kienet tgħid lil ġirien li hi u binha Ġesù ma kenux maħluqa għal ġid u l-għana. Il-għaġeb ta' Kana Ġesù għamlu għax talbitu ommu. Kif jemmnu l-Misilmin, Ġesù ma kienx

maqtul. Alla ħatfu mill-moħqrija u tellgħu lejn is-sema(2).

Igħidu wkoll il-Misilmin li Marija ftit għexet wara tlugh is-sema ta' Ġesù. Sebat ijiem wara t-tlugħ tiegħu, Ġesù deher lil ommu u lil waħda mara tajba oħra li kien fejjaqha mill-ġenn, u qalilhom biex imorru jiġbru flimkien lill-Appostli u jibgħatuhom ixandru l-Bxara tiegħu, li hija l-kelma t'Alla. Marija għexet minn sitt snin sa tmienja, wara Ġesù, u mietet ta' wieħed u ħamsin sena. Marija hi miżmuma f' għożża kbira fost il-Misilmin; wara binha Ġesù u wara l-Profeti hi magħrufa bl-isem ta' qaddisa u ħabiba ta' Alla. Hi miżmuma b'ogħla min-nisa kollha, f'għoli li ħadd ma jista' jilħaq miegħu.

Hemm djar Misilmin li fihom it-trobbija tal-bniet u taħriġhom għandu bħala sies it-turija tal-Madonna. Biex i-wissu lil bniet għandhom id-drawwa li jgħidu: "Ma għandekx tagħmel hekk, għax Mirjam ma kenitx tagħmel hekk!" In-nisa Misilmin iħobbu li jkollhom xi xbieha tal-Madonna, għax dawn ix-xbiehat għalihom ixebbħu Mara safja, bla ġisem, idejali; waqt li għas-salib il-Misilmin għandu mell kbir, għax-xbieħat tal-Madonna għandhom qima kbira. Kull nhar ta' Ġimgħa, fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, fil-kappella ta' fuq il-Kalvarju, imorru għadd ta' Misilmin biex jithennew bil-ġmiel tas-sura tal-Madonna li tinsab hemm. Imkien ieħor, li fih iħobbu wisq imorru l-Misilmin, hija l-Ġegħma ż-Żgħira ta' sidna Għisa, taħt l-art, fil-bitħa tal-Ħaram ix-Xerif, fejn hemm ħaġra mħaffra donnha ħawt, mgħottija b'baldakkin, li jgħidu li hi l-benniena ta' Ġesù. Jingħad li hemm kien joqgħod Xmun ix-Xiħ meta Marija ħadet lil binha fil-Ħakel, u wara li ressqitu quddiem Alla, medditu ġewwa dak il-ħawt u raqqditu hemm. In-nisa Misilmin ukoll li jkunu jreddgħu xi tarbija, wisq drabi jmorru fil-Għar tal-Ħalib, ġewwa Betlehem, jitolbu lill-omm Ġesù li tagħtihom ħalib biż-żejjed biex irabbu 'l uliedhom. Fil-Wied ta' Kedron, fil-knisja tal-Qabar tal-Madonna, qrib il-Qabar sewwa, in-naħa tal-lemin ta' min jidħol, hemm miħrab li quddiemu jsellu l-Misilmin, u li ilu hemm żmien Saleħ id-Din, jiġifieri mis-sena 1187.

Ma hemmx għal fejn weħed jistagħġeb għal qima kbira li għandhom il-Misilmin lejn il-Madonna. Din il-qima għandha l-għeruq tagħha fis-Surat tal-Quran li jfaħħru lil Marija, u fit-turija ta' Muħammed in-nifsu, li meta ħa l-Mekka fis-sena 630, kisser is-surien kollha li kien hemm fil-Kagħba minn barra sura waħda, is-sura ta' Mirjam, bl-iben tagħha Għisa, fuq drieghha.

Għal hekk, il-Mamma ta' Ġesù, tista' tgħodd fost dawk li jagħtuha qima u jfaħħruha, lit-tliett mija u sittin miljun (360,000,000) Misilmin li jinsabu mxerrdin mad-dinja.

P.Ubertinu Berti. O.F.M.

---

(1) Il-Quran huwa l-ktieb Imqaddes tal-Misilmin, qisu l-Evanġelju tagħhom. Muħammed kien jgħid li jkellmu l-Anġlu Grabiel, u kull ma jgħidlu kien iqabbad lil xi ħadd jiktibulu. Meta miet Muħammed, ġabru dil-kitba kollha u hekk issawwar il-Quran. Ara min kien Muħammed f'dal-"Qari", għadd 4, t-tielet sena.

(2) Inwissu lil uħud mill-qarrejja tagħna li jżommu f'moħhom li kull ma jinsab miktub hawn hija l-fehma tal-Misilmin, u m'hux jiġifieri li hu minnu.

(3) Dan il-kliem li ġej jinsab fis-Sura III v. 37 fil-qlib Taljan tad-Duttur Luigi Bonelli; imma fil-Quran bil-Għarbi qiegħed v. 41. Il-kliem bil-Għarbi hu dan: "Ja Marjam, an Allaħ astafak, wa taħrak, wa astafak għala nisa el-għalamejn."

(4) "Ja Marjam, aqunti li Rabbak, wa asġadi, wa arkagħ mar-rakgħin."

(Noti tal-Editur.)

# AĦBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Tibdil fit-tagħlim ta' Università Misilma** — Ir-Rettur il-ġdid ta' l-Università tal-Kajr "El-Azhar", li jismu Maħmud Xaltut, ħabbar li sa jagħmel tibdil kbir fit-tagħlim tagħha. Barra mit-tagħlim tad-Djiema, kif kien isir qabel (priedki, funzjonijiet u liġijiet tal-Qoran), sa jdaħħal fiha wkoll tagħlim tat-tobba, inġinieri, avukati, pulizija, eżerċtu u dan. L-Università bħal issa fiha 23,000 student.

**Meta l-Lhud jitilgħu l-Qamar** — F' laqgħa bejn tnaxer Rabbi Lhudi li saret f'Hajfa, b'rajjes tagħha r-Rabbi Goren, kien mistħarreġ fit-tul x'kellhom jagħmlu jekk xi Lhud jitilgħu jgħammru fil-qamar. Inqata' fost ħwejjeġ oħra li la darba l-jum tal-qamar twil daqs ħmistaxer-jum tad-dinja, il-Lhud li jkunu igħammru fih għandhom iħarsu s-Sibt darbtejn kull jum.

**In-nies bla dar fil-Palestina.** — Ma' tul sena, in-nies bla dar fil-Palestina li kienu mgħejjuna mill-UNRWA kien 963,958. In-nies żdiedu ma' tul sena 23,000. Ix-Xirka żammet bi flusha 381 skola bi 3,200 surmast u 118,000 tfal subjien u bniet. 70% min-nefqa għamlithom l-Amerka u t-30% l-oħra l-Ingilterra ul-Kanada.

**Il-Kattolki fl-Università Lhudija** — Il-gazzetta Lhudija "Dabar" faħħret lir-Rhieb u Qassisin Kattolki li qegħdn imorru jitgħallmu fl-Università Lhudija ta' Ġerusalem. Qalet li għal kemm dawna ma humiex wisq fil-għadd, ġiebu magħhom fl-Università arja ta' ħbiberija. Jingħarfu malajr mil-Lhud għax jilbsu ċoqqa lewn qastni jew abjad, u f'saqajhom ikollhom il-qorq. Xagħarhom dejjem mimxut u jimxu rżin u bil-qajla. Fosthom hemm żgħażagħ u mdaħħlin fiż-żmien, jitgħallmu kollha l-Kotba Mqaddsa. Id-dehra tagħhom fl-Università Lhudija ssaħħaħ il-fehma li Ġerusalem hija l-belt eterna u magħqad tad-Djiena t'Alla l-Wieħed. Hemm ftehim sħiħ bejnhom u bejn l-istudenti Lhud.

**Kxif t'oqbra qodma fil-Galilija** — Wieħed bidwi Lhudi kixef kixfa sabiħa ta' oqbra Bisantini f'raħal tal-Galilija. L-oqbra nsabu ġewwa bħala sala fil-blat li kien fiha għadd ta' twiebet tal-irsas, u żjar taż-żġieġ, u ħwietem u msiebaħ sbieħ wisq. It-taħfir għadu sejjer u aktarx li 'l quddiem jinsabu ħwejjeġ oħra.

**Id-Dejr ta' Ġebel Sina** — Nies imħarrġa mill-Universitajiet ta' Princeton, ta' Michigan u ta' Lixandra, għamlu tiftix fid-Dejr qadim ta' Santa Katarina li jinsab fuq Ġebel Sina, li hu f-idejn il-Griegi Ortodossi. Ittieħdu 1,200 ritratt ta' xbiehat qodma ta' qaddisin li jinsabu hemm ġewwa, li hu l-akbar għadd ta' ritratti ta' xbiehat qodma li ttieħdu s'issa. Il-professur Weitzman ta' l-Università Amerikana faħħar wisq xbieha qadima ta' San Pietru bl-imfietaħ tas-Sema f'idejh, li tinsab hemm.

**Is-Seba' Festival taċ-Ċinema Eġizjana** — Iċ-Ċentru Kattoliku taċ-Ċinema fl-Eġittu immexxi mir-Rħieb Franġiskani għamel il-Festival ta' kull sena. Kienu murija seba' films ġodda quddiem għadd ta' nies kbir sewwa fis-sala l-ġdida tad-Dejr ta' San Ġużepp. Ftit jiem wara kienu mqassmin il-premjijiet. L-ewwel premju ttieħed millfilm "Ħatta Niltaqi" (Sakemm niltaqgħu), maħdum minn Ramses Negib. L-artisti li ħadmu fih kienu Fatem Hamama u Rijad Husejn, li ngħatagħlhom diploma barrani tal-ħila li ħadmu biha. Iċ-ċerimonja kienet immexxija minn Mons. Oddi, Internunzju ta' l-Eġittu,

✝

# REQUIESCANT IN PACE

**Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.**

DINGLI — Antonio Abela.

QORMI — Giuseppe Attard, Maria Attard, Giuseppe Borg, Rosina Zerafa, Maria Cassar, George Abela, Marianna Abela, Catarina Tabone, Angelo Tabone, Salvatore Spiteri, Pawlu Spiteri, Paolo Azzopardi, George Azzopardi, Miriam Portelli, Maria Borg, Giovanni Borg, Carmen Fenech, Maria Sammut, Michele Sammut, Carmelo Cilia, Rosaria Azzopardi, Antonia Pace, George Pace, Carmela Pace, Carmelo Apap, Saverio Caruana, Carmela Falzon, Vincenzo Falzon, Giuseppe Galdes, Giovanni Azzopardi, Francesco Camilleri, Carmelo Farrugia, Alfredo Bonnici, Agostina Bonnici, Antonio Spiteri, Vincenzo Formosa, Catarina Galea, Serafina Azzopardi, Giuseppe Azzopardi, Grezzju Azzopardi, Antonio Azzopardi, Giuseppa Sammut, Carmela Sammut, Ketty Sammut, Paolino Sammut, Michele Sammut, Vittoria Apap, Giuseppe Muscat, Francesco Bruno, Andrea Grima, Carmela Tabone, Giuseppe Cutajar, Carlo Borg, Carmela Borg, Nardo Agius, Concetta Agius, George Azzopardi, Carmela Azzopardi, Carmela Mizzi, Giuseppa Azzopardi, Carmela Cassar, Gaetano Cassar, Carmela Vella, Emmanuele Vella, Agata Cutajar, Gaetano Cutajar, Paolina Falzon, Angela Attard.

SLIEMA (Sacro Cuor) — Giovanni Xuereb, Giovanni Battista Xuereb, Carmela Galea Giuseppe Galea, Giorgio Galea, Carmela Galea, Luigi Zammit, Gerardo Ebejer, Lorenza Pace, Carmela Pace, Benedetta Caruana, Alfonso Pace, Paolo Formosa, Stella Formosa, Carmelo Grixti, Giulia Cachia, Michele Paris, Giovanna Paris, Carmelo Paris, Carmelo Borda, Ermelinda Micallef, Vincenzo Cassar, George Cassar, Carmela Baldacchino, Giuseppe Baldacchino, Grezzja Cassar, Salvatore Baldacchino, Giuseppe Camilleri, Maria Camilleri, Giuseppa Camilleri, Giuseppe Camilleri, Maria Fenech, Carmelo Fenech, Paolina Giordano, Pawlinu Giordano, Elena Micallef, Paolo Sammut, Giovanni Vella, Carmela Vella, Antonio Vella, Maria Coppini, Maria Debono, Salvatore Muscat,, Edoardo Micallef, Massimo Cassar, Gaetana Grima, Carmelo Borg, Gaetano Borg, Vincenzo Borg, Giovanni Borg, Marianna Borg, Salvatore Calleja, Adele Calleja, Giuseppe Micallef, Lucrezia Micallef, Vincenzo Mamo, Stella Mamo, Paolo Mamo, Spiridione Camenzuli, Consolata Micallef, Vincenzo Micallef, Emilia Mallia, Maria Mallia, Saveria Mallia, Salvatore Vassallo, Francesco Cuschieri, Francesco Farrugia, Dolores Farrugia, Antonia Cuschieri, Maria Camilleri, Salvatore Camilleri, Giuseppe Camilleri, Anna Cassar.

ŻEBBUĠ — Maria Assunta Spiteri, Nicola Cutajar, Filippo Xerri, Giuseppe Xerri, Francesco Galea, Marianna Galea, Angela Camilleri, Antonio Camilleri, Spiro Borg, Filippo Borg, Filippo Agius, Anna Agius, Giuseppe Agius, Nicolina Chircop, Anna Caruana, Salvatore Chircop, Carmela Mus-

cat, Carmelo Muscat, Margarita Borg, Filomena Schembri, Angelo Schembri, Alfonzo Schembri, Gregorio Schembri, Nicola Pulis, Concetta Pulis, Georgia Saliba, Giuseppe Saliba, Pawlina Saliba, Giuseppa Cachia, Loreto Cachia, George Cardona, Carmelo Psaila, Rita Schembri, Filippo Borg, Angela Borg, Angela Tanti, Giuseppe Tanti, Mary Tanti, Rita Tanti, Antonio Bezzina, Filippo Bezzina, Teresa Bezzina, Catarina Darmanin, Rosa Schembri, Francesco Schembri, Carmela Cachia, Gaetano Cachia, Giuseppe Cachia, Antonio Cachia, Salvatore Camilleri, Maria Camilleri, Angelo Camilleri, Carmela Bugeja, Giuseppa Bugeja, Giuseppa Barbara, Carmela Galea, Salvatore Galea, Teresa De Battista, Sebastiano e Battista, Giovanni Spiteri, Giuseppa Spiteri, Rosario Tanti, Carmelo Tanti, Salvatore Attard, Grezzja Attard, Concetta Attard, Antonio Attard, Giovanna Cutajar, Grazia Caruana, Filippo Caruana, Marianna Formosa, Catarina Formosa, Anna Caruana, Gaetano Caruana, Filippo Farrugia, Agata Farrugia, Catarina Vella, Evangelista Vella, Francesco Vella, Catarina Vella, Annunziato Vella, Filippo Mifsud, Nena Mifsud, Filippo Mifsud, Gaudenzio Mifsud, Filippo Said, Pubblio Grech, Maria Grech, Emmanuele Debono, Maria Busuttil, Maria Attard, Francesco Attard, Agostino Attard, Saveria Marmarà, Vincenzo Marmarà, Sapienza Grech, Angelo Mifsud, Angela Mifsud, Sesi Mifsud, Marianna Bonello, Maria Barbara, Giuseppe Barbara, Concetta Dimech, Francesco Dimech, Antonio Cutajar, Maria Cutajar.

RABAT — Carmelo Borg, Xmun Azzopardi, Giuseppa Azzopardi, Carmelo Azzopardi, Agata Borg, Marianna Cachia, Grezzju Cachia, Giuseppe Cachia, Carmelo Bonello, Giuseppe Bonello, Maria Muscat, Carmelo Muscat, Grazia Muscat, Paolo Micallef, Giovanna Micallef, Salvatore Micallef, Vitor Micallef, Carmela Micallef, Giuseppe Micallef, Domenica Inguanez, Margherita Inguanez, Grazia Inguanez Giuseppe u Maria Inguanez, Rosy Inguanez, Giovanni u Giovanna Micallef, Carmela u Battista Inguanez, Rosy Inguanez, Carmela Fenech, Teresa Camilleri, Serafino Camilleri, Giuliano Fenech, Catarina Fenech, Antonio Cutajar, Maria Cutajar, Vincenzo Borg, Giovanna Brincat, Calcedonio Borg, Paolo Mifsud, Teresa Mifsud, Costantioo Mifsud, Carmela Cachia, Paola Galea, Giuseppe Galea, Carmela Galea, Salvatore Sciberras, Giuseppa Sciberras, Giovanni Camilleri, Giusa Camilleri, Vincenza Galea, Cristina Galea. Paola ......

ŻABBAR — Dolores Attard.

**Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.**